Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 817/2004**

tad-29 ta' April 2004

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u l-Garanzija (FAEGG)

(ĠU L 231, 30.6.2004, p. 24)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1360/2005 tat-18 ta' Awwissu 2005	L 348M	188	24.12.2008

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 117 (1360/2005)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 817/2004

tad-29 ta' April 2004

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u l-Garanzija (FAEGG)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat it-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti ([1]), u partikolarment l-Artikoli 34, 45 u 50 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jistabbiliixi qafas legali singolu għas-sostenn FAEGG għall-iżvilupp rurali. Partikolarment, it-Titolu II tiegħu jispeċifika l-miżuri eliġibbli għas-sostenn, l-objettivi tagħhom u l-kriterja għall-eliġibbiltà. Dan il-qafas legali japplika għas-sostenn tal-iżvilupp rurali matul il-Komunità.

(2) Bħala supplement ta' dan il-qafas, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002 jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) ([2]) kien ġie adottat, billi tqieset l-esperjenza akkwistata fl-użu tal-istrumenti applikati permezz tad-diveri regolamenti tal-Kunsill li huma mħassra fl-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002 kien ġie sostanzjalment emendat. B'żieda, meta r-Regolament (KE) Nru 1257/1999 kien emendat, erba' miżuri ġodda kienu introdotti li dwarhom regoli dettaljati huma meħtieġa. Aktar minn hekk, in vista ta' l-esperjenza akkwistata sa mill-bidu tal-perijodu tal-programmizzar, ċerti dispożizzjonijiet għandhom ikunu kjarifikati, partikolarment dawk li jirrigwardjaw il-proċedura għall-emendi tad-dokumenti tal-programmizar, għall-programmi ta' l-amministrazzjoni finanzjarja u għall-kontrolli. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, għalhekk, regolazzjoni ġdida li tistabbilixxi regoli dettaljati għandha tkun adottata u r-Regolament (KE) Nru 445/2002 għandu jkun imħassar.

(4) Dawk ir-regoli għandhom isegwu l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, u għalhekk għandhom ikunu ristretti għall-dak li huwa meħtieġ għall-akkwist ta' l-għanijiet kif imfittxija.

(5) Fir-rigward tal-kritereja ta' l-eliġibbiltà, ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jistabbilixxi tlett kondizzjonijiet bażiċi għas-sostenn għall-investimenti fl-oqsma agrikoli u l-impjanti tal-ipproċessar u s-sostenn għall-bdiewa żgħażagħ. Iż-żmien li fih dawk il-kondizzjonijiet għandhom ikunu mwettqa għandhom ikunu speċifikati, inklużi t-tul ta' żmien tal-perijodu ta' grazzja li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-ċerti benefiċjarji li fihom għandhom ikunu konformi man-normi minimi fil-każi meta l-investiment ikun imwettaq fil-għan li jintlaħqu dawk in-normi.

([1]) ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 80. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.03.04, p. 1).

([2]) ĠU L 74, tal-15.03.02, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 963/2003 (ĠU L 138, 05.06.03, p. 32).

▼B

(6) Is-sostenn tal-Komunità għall-investimenti fl-oqsama u l-impjanti tal-ipproċessar huwa suġġett għall-kondizzjoni li sfog normali tas-suq jista jkun misjub għall-prodotti ikkonċernati. Regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti għall-assessjar ta' tali sfog tas-suq.

(7) Sostenn għal taħriġ vokazzjonali m'għandhux ikopri l-edukazzjoni normali għall-agrikoltura u l-foresterija.

(8) F'dak li jirrigwardja l-kondizzjonijiet ta' sostenn ta' l-irtirar kmieni mix-xogħol, problemi speċifiċi jinħolqu meta l-qasam ikun trasferit minn diversi persuni lejn bidi bil-qbiela għandhom ikunu solvuti.

(9) Il-benefiċċji ta' pagament kompensatorju fiż-żoni anqas favoriti għall-art użata b'mod konġunt minn diversi bdiewa għandhom ikunu mħallsa lil kull bidwi ikkonċernat fi proporzjon tal-grad li fih il-bidwi jkun intitolat għall-użu tiegħu.

(10) Il-kompetenzi u r-riżorsi meħtieġa mill-awtoritajiet u l-korpi magħżula sabiex jipprovdu servizzi konsultattivi lill-bdiewa għandhom ikunu speċifikati.

(11) F'dak li jirrigwardja l-agri-ambjent u l-benesseri ta' l-annimali, il-ħtiġijet minimi li għandhom ikunu milħuqa mill-bdiewa b'konnessjoni mad-diversi agri-ambjenti u l-impenji tal-benessere ta' l-annimali għandhom jassiguraw applikazzjoni bilanċjata tas-sostenn billi jitqiesu l-objettivi u għandu għalhekk jikkontribwixxi lejkn żvilupp rurali sostenibbli.

(12) F'dak li jirrigwardja l-appoġġ lill-bdiewa li jipparteċipaw fi skema ta' ikel ta' kwalità, il-prodotti ikkonċernati b'dan l-appoġġ u t-tipi ta' spejjeż stabbiliti li jistgħu ikunu meqjusa għall-kalkolu ta' l-ammont ta' l-għajnuna għandhom ikunu speċifikati.

(13) Sabiex tkun assigurata l-komplementarjetà bejn il-miżuri ta' inkorraġġiment stabbiliti fl-Artikolu 24d tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u ta' l-amministrazzjoni li tikkonċerna l-informazzjoni u l-azzjonijiet ta' l-inkorraġġiment għall-prodotti agrikoli fis-suq intern ([1]), ħtiġijiet dettaljati għas-sostenn tal-inkorraġġiment ta' prodotti ta' kwalità għandhom ikunu stabbiliti, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-attivitajiet benefiċjarji u eliġibbli. B'żieda, sabiex ikun evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju, il-miżuri ta' l-informazzjoni u l-inkorraġġiment kif sostnuti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 m'għandhomx ikunu eliġibbli għas-sostenn ta' l-iżvilupp rurali.

(14) Il-kriterja ta' l-għażla għall-investimenti għat-titjib tal-ipproċessar u l-*marketing* tal-prodotti agrikoli għandhom ikunu stabbiliti. L-esperjenza wriet li dawn il-kriterji ta' l-għażla għandhom ikunu ibbażatu fuq prinċipji wiesa' pjuttost milli regoli settorjali.

(15) Ir-regjuni l-aktar imbiegħda tal-Komunità għandhom ikunu eżentati, suġġett għal ċerti kondizzjonijiet, mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, li permezz tiegħu l-ebda għajnuna ma tista' tkun mogħtija għall-investimenti intiżi għall-ipproċessar jew il-*marketing* ta' prodotti minn pajjiżi terzi.

(16) Il-foresti li ma humiex eliġibbli għas-sostenn bis-saħħa ta' l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom ikunu definiti b'aktar dettall.

(17) Kondizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu stabbiliti għas-sostenn ta' l-afforestazzjoni ta' art agrikola u l-pagamenti għall-attivitajiet tal-manteniment u t-titjib tal-istabbilità ekoloġika tal-foresti.

(18) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, sostenn huwa mogħti għal miżuri oħtajn li jirrigwardjaw l-attivitajiet ta'-biedja u tal-konverżjoni tagħhom u lill-attivitajiet rurali

([1]) ĠU L 328, 23.12.00, p. 2.

▼B

mhux koperti b'xi miżuri oħrajn ta' żvilupp rurali. Meqjusa l-varjeta kbira ta' miżuri li jistgħu ikun u koperti b'dan l-Artikolu, għandu primarjament ikun imħolli għall-Istati Membri li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għas-sostenn bħala parti mill-programmizzar tagħhom.

(19) Ir-regoli komuni għal diversi miżuri għandhom ikunu stabbiliti sabiex jassiguraw, partikolarment, li n-normi komuni tal-prattika ta' biedja tajba jkunu applikati meta l-miżuri jkunu jirreferu għal dik il-kriterja, u sabiex jiggarantixxu l-flessibiltà meħtieġa għall-impenji fit-tul sabiex ikunu meqjusa avvenimenti li jistgħu jaffettwaw dawk l-impenji mingħajr ma jipperikolaw l-implementazzjoni effettiva tad-diversi miżuri ta' sostenn.

(20) Linja ċara li tifred għandha tkun miġbuda bejn il-finanzjament tas-sostenn tal-iżvilupp rurali u l-finanzjament tas-sostenn permezz ta' l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq. Xi eċċezzjonijiet għall-prinċipju li tali miżuri huma koperti bi skemi oħrajn ta' l-appoġġ permezz ta' l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq m'għandhomx ikunu eliġibbli għas-sostenn tal-iżvilupp rurali, għandhom ikunu proponuti mill-Istati Membri fil-programizzar ta' l-iżvilupp rurali tagħhom, skond il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u bħala segwiment ta' proċedura trasparenti.

(21) Il-pagamenti ta' l-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandhom iseħħu bis-sħiħ lill-benefiċjarji.

(22) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 ([1]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ([2]) f'dak li jirrigwardja l-eliġibbiltà tal-ispiża permezz ta' l-operazzjonijiet parzjalment finanzjati mill-Fondi Strutturali, u b'hekk mis-Sezzjoni ta' Gwida tal-FAEGG. Fl-interess tal-konsistenza, ir-Regolament (KE) Nru 1685/2000 għandu wkoll ikun applikabbli għall-miżuri parzjalment finanzjati mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-FAEGG, apparti meta jkun hemm provvediment mod ieħor fir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-istrateġija agrikola komuni ([3]) jew f'dan ir-Regolament.

(23) L-ispejjeż normali ta' l-unità huma ta' spiss stabbiliti għall-ċerti investimenti parzjament finanzjati bis-saħħa ta' l-ewwel, tat-tieni jew tas-sitt inċiżi ta' l-Artikolu 30(1) u bis-saħħa ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999. Fl-interess taċ-ċarezza u sabiex tkun simplifikata l-amministrazzjoni ta' dawk il-miżuri, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżenti, mill-2000, mill-ħtieġa li jkunu ppreżentati l-fatturi bis-saħħa tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000. Il-kondizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu japplikaw tali spejjeż normali għandhom ukoll ikunu stabbiliti sabiex jassiguraw amministrazzjoni effiċjenti.

(24) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/695/KE tat-8 ta' Settembru 1999 li tistabbilixxi indikazzjoni indikattiva mill-Istati Membri ta' l-allokazzjonijiet permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija. Sezzjoni tal-Garanzija, għal miżuri ta' żvilupp rurali għall-perijodu 2000 sal-2006 ([4]) tispeċifika t-tip ta' spiża koperta bl-allokazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri. Aktar minn hekk, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2603/1999 tad-9 ta' Diċembru 1999 li jistabbilixxi regoli

([1]) ĠU L 193, tad-29.07.00, p. 39. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 448/2004 (ĠU L 72, tal-11.3.2004, p. 66).
([2]) ĠU L 161, tas-26.06.99, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1105/2003 (ĠU L 158, tas-27.6.2003, p. 3).
([3]) ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 103.
([4]) ĠU L 259, tas-06.10.99, p. 27. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/426/KE (ĠU L 165, 06.07.00, p. 33).

▼B

għat-transizzjoni lejn l-appoġġ ta' l-iżvilupp rurali li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ([1]), il-pagamenti li jirriżultaw minn ċerti impenji mwettqa qabel l-1 ta' Jannar 2000 jistgħu ikunu nklużi fil-programmizzar tal-iżvilupp rurali għall-2000 sal-2006, suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun speċifikat liema għandu jkun inkluż fl-ammont globali ta' l-appoġġ tal-Komunità stabbilit għal kull pjan tal-iżvilupp rurali permezz ta' dokument singolu tal-programmizzar approvat mill-Kummissjoni.

(25) Sabiex tkun assigurata amministrazzjoni finanzjarja aktar flessibbli, l-Istati Membri li kienu għażlu għal programmizzar reġjonalizzat ta' l-iżvilupp rurali għandhom ikollhom l-għażla li jakkwistaw l-ammont totali ta' l-appoġġ tal-Komunità kidmogħti għal kull programm reġjonali stabbilit f'deċiżjoni separata li jkun fiha tabella konsolidata għall-Istat membru kollu kemm hu.

(26) L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett permezz tal-istrateġija agrikola komuni ([2]) jistipula li l-ammonti li jakkumulaw mill-penali għall-ksur tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ambjentali jew mill-modulazzjoni jibqgħu disponibbli għall-Istati Membri bħala sostenn addizzjonali tal-Komunità għal ċerti żviluppi tal-iżvilupp rurali. Eżattament xi tkopri l-approvazzjoni tal-Komunità fil-każ ta' tali miżuri għandu jkun speċifikat.

(27) Regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet tal-iżvilupp rurali u tar-reviżjoni tagħhom.

(28) Sabiex ikun faċilitat l-istabbeliment tal-pjani tal-iżvilupp rurali u ta' l-eżami u l-approvazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, regoli komuni għandhom ikunu stabbiliti għall-istruttura u l-kontenut ta' dawn il-pjani, ibbażati partikolarment fuq il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

(29) Il-ħtiġijiet għandhom ikunu stabbiliti bħala emendi għad-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali hekk li dawn jgħinu lill-Kummissjoni sabiex teżaminhom malajr u b'effiċċjenza.

(30) L-amendi biss li jinvolvu tibdiliet importanti għad-dokumenti tal-iżvilupp tal-programmizzar rurali għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura tal-kumitat amministrattiv. L-emendi l-oħrajn għandhom ikunu deċiżi mill-Istati Membri u ikkomunikati lill-Kummissjoni.

(31) Sabiex ikun assigurat monitoraġġ effettiv, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lejn il-Kummissjoni verżjoni elettronika konsolidata u aġġornata tad-dokumenti tal-programmizzar tagħhom.

(32) Regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti għall-ippjanar finanzjarju u għall-kontribuzzjonijiet tal-finanzjament tal-miżuri finanzjati mill-FAEGG, Sezzjoni tal-Garanzija, bis-saħħa ta' l-Artikolu 35(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

(33) F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jirraportaw b'mod regolari lejn il-Kummissjoni dwar l-istat tal-finanzjament tal-miżuri tal-iżvilupp rurali.

(34) Passi għandhom jittieħdu sabiex jassiguraw li l-appropprazzjonijiet intiżi bħala appoġġ tal-iżvilupp rurali jkunu użati b'mod effiċjenti, partikolarment billi jkun hemm provvediment għall-Kummissjoni li tagħti pagament inizjali bil-quddiem lill-aġenziji tal-pagament u għall-allokazzjonijiet li għandhom ikunu aġġustati skond il-ħtiġijiet u fid-dawl ta' l-imġieba tal-imgħoddi. Għandu

([1]) ĠU L 316, tal-10.12.99, p. 26. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2055/2001 (ĠU L 277, 20.10.01, p. 12).

([2]) ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 113. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2004 (ĠU L 6, 10.01.04, p. 19).

▼B

wkoll ikun possibbli li jkunu mogħtija avvanzi lil ċerti kategoriji ta' benefiċjarji, skond ċerti kondizzjonijiet, sabiex tkun faċilitata l-implementazzjoni tal-miżuri tal-investiment.

(35) Regoli ġenerali dwar id-dixxiplina tal-budget, partikolarment dawk li jirrigwardjaw dikjarazzjoni mhux kompluti jew mhux korretti mill-Istati Membri, għandhom ikunu applikabbli b'żieda mar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(36) L-amministrazzjoni finanzjarja dettaljata tal-miżuri tal-iżvilupp rurali għandha tkun irregolata bir-regolamenti li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 1258/1999.

(37) Il-proċeduri u l-ħtiġijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għandhom ikunu ibbażati fuq il-prinċipji applikabbli għall-miżuri l-oħrajn ta' l-appoġġ mill-Komunità, partikolarment dawk stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

(38) Ir-regoli amministrattivi għandhom jippermettu għall-amministrazzjoni, monitoraġġ u kontroll aħjar ta' l-appoġġ tal-iżvilupp rurali. Fl-interess tas-sinpliċità, l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontrolli previsti fit-Titolu II, il-Kapitolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistemi ta' sostenn dirett permezz tal-istrateġija agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiema ([1]) li dwaru regoli implementattivi dettaljati huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 ([2]) għandhom ikunu applikata kull meta possibbli.

(39) Dispożizzjoni għandha ssir għal sistema ta' penali kemm fil-livell tal-Komunità u wkoll ta' Stat membru.

(40) L-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni li tirrigwardja l-implementazzjoni tal-miżuri preċedenti akkompanjaturi permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2078/92 ([3]), (KEE) Nru 2079/92 ([4]) u (KEE) Nru 2080/92 ([5]) għandhom ikunu nkluż fir-rapport annwali li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 meta tali miżuri jifformaw parti mill-programmizzar finanzjarju għall-2000 sal-2006. Innefqa li tirriżulta minn tali miżuri għandha wkoll tkun inkluża fl-informazzjoni li l-istati membri huma meħtieġa li jfornu sat-30 ta' Settembru ta' kull sena.

(41) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 270, tal-21.10.03, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.03.04, p. 1).
([2]) ĠU L 327, tat-12.12.01, p. 11. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 118/2004 (ĠU L 17, 24.01.04, p. 7).
([3]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 85. Ir-Regolament imħassar bir-Regulation (KE) No 1257/1999.
([4]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 91. Ir-Regolament imħassar bir-Regulation (KE) No 1257/1999.
([5]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 96. Ir-Regolament imħassar bir-Regulation (KE) No 1257/1999.

▼B

KAPITOLU I

MIŻURI TA' ŻVILUPP RURALI

SEZZJONI 1

Investimenti f'oqsma agrikoli,

Artikolu 1

Il-perijodu ta' grazzja li fih l-Istati membri jistgħu jagħtu, bis-saħħa ta' l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li matulu għandhom ikunu konformi man-normi godda kif introdotti ma jistax jeċċedi 36 xahar mid-data li fiha n-norma issir mandatorja għall-bdiewa. It-tmiem tal-perijodu tal-investiment referut fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkun matul il-perijodu ta' grazzja kif stabbilit fl-ewwel paragrafu.

Il-perijodu ta' grazzja kif stabbilit fl-ewwel paragrafu m'għandux ikun applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-sostenn introdotti qabel is-7 ta' Mejju 2004.

Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-eżistenza ta' sfog normali tas-suq għandha tkun assessjata fil-livell xieraq fit-termini ta':

(a) il-prodotti ikkonċernati;

(b) it-tipi ta' investiment;

(ċ) il-kapaċità eżistenti u ippjanata.

2. Xi restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew limiti fuq l-appoġġ tal-Komunità permezz ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq għandhom ikunu meqjusa.

3. Meta organizzazzjoni komuni tas-suq tippreżenta restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew limiti fuq l-appoġġ mill-Komunità fil-livell ta' bdiewa individwali, fuq l-oqsma jew fuq impjanti tal-ipproċessar, l-ebda investiment m'għandu jkun mgħejjun jekk ikun iżid il-produzzjoni lil hinn minn dawk ir-restrizzjonijiet jew limiti.

Artikolu 3

L-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament għandu wkoll ikun applikabbli għall-investimenti mwettqa minn bdiewa żgħażagħ.

SEZZJONI 2

L-istabbilizzar ta' bdiewa żgħażagħ

Artikolu 4

1. Il-kondizzjonijiet għall-għajnuna tal-bidu lejn bdiewa żgħażagħ stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom ikunu milħuqa fil-waqt meta tkun meħuda d-deċiżjoni individwali għall-għoti ta' l-appoġġ.

2. Peridjodu li ma jeċċedix ħames snin jista jkun imħolli wara dan il-bidu sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet relatati mal-kapaċità u l-kompetenza tas-sengħa, il-vijabiltà ekonomika u n-normi minimi li jirrigwardjaw l-ambjent, l-iġjene u l-benessere ta' l-annimali, jekk il-bidwi zgħażugħ ikun jeħtieġ perijodu ta' adattazzjoni li fih jibda jew jirristruttura il-qasam.

▼B

Artikolu 5

Id-deċiżjoni ndividwali għall-għoti ta' l-għajnuna li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1257/199 għandha tittieħed mhux aktar tard minn 12 il-xahar minn wara l-bidu definit bid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri.

SEZZJONI 3

Taħriġ

Artikolu 6

Appoġġ għat-taħriġ vokazzjonali m'għandux jinkludi korsijiet ta' tagħlim jew taħriġ li jifformaw parti minn programm normali jew minn sistemi ta' edukazzjoni agrikola jew tal-foresterija fil-livelli sekondarji jew aktar għoljin.

SEZZJONI 4

Irtirar kmieni

Artikolu 7

Meta razzet ikun trasferit minn diversi trasferituri, l-appoġġ globali għandu jkun limitat għall-ammont li jkun ipprovdut għal trasferitur wieħed.

Artikolu 8

Attivita tal-biedja mhux-kummerċjali li tkompli minn għand dak li jitrasferixxi bi qbil ma l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 m'għandiex tkun eliġibbli għal sostenn permezz tal-istrateġija agrikola komuni.

Artikolu 9

Bidwi bil-qbiela jista jitrasferixxi r-rilaxx ta' l-art lejn il-padrun basta li l-qbiela jkunu mitmuma u l-ħtiġijiet li jirrigwardjaw lil dak li jirċievi t-trasferiment, li huma stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jkun hemm konformità magħhom.

Artikolu 10

Ir-rilaxx ta' l-art tista' tkun inkluża f'operazzjoni ta' tqassim mill-ġdid jew fi skambju sempliċi ta' l-oqsma.

F'tali każi, il-kondizzjonijiet applikabbli għar-rilaxx ta' l-art għandhom ikunu applikati għal żoni agronomikalment ekwivalenti għall-art rilaxxata.

L-Istati membri jistgħu jagħmlu dispożizzjoni għall-art rilaxxata li tittieħed minn korp li jintrabat li jassenja mill-ġdid f'data aktar tard lejn min jirċievi t-trasferiment u li jkun jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-irtirar kmieni.

SEZZJONI 5

Żoni anqas iffavoriti u żoni b'restrizjonijiet ambjentali

Artikolu 11

Kumpens kompensatorju għal żoni użati b'mod konġunt minn diversi bdiewa għall-iskop tal-mergħa ta' l-annimali jista' jkun mogħti lil kull

▼B

bidwi ikkonċernat fi proporzjon ta' l-użu li jkun jagħmel dak il-bidwi jew tad-dritt ta' l-użu ta' l-art.

SEZZJONI 6

Konverġenża tan-normi

Artikolu 12

L-awtoritajiet u l-korpi magħżula sabiex jipprovdu s-servizzi konsultattivi dwar l-irziezet referuti fl-Artikolu 21d(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom jassiguraw id-disponabbiltà tar-riżorsi xierqa fil-għamla ta' persunall kwalifikat, faċilitajiet amministrattivi u tekniċi u esperjenza u affidabbiltà konsultattiva fir-rigward tal-ħtiġijiet statutorji referuti fl-Artikolu 21d(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

SEZZJONI 7

L-agri-ambjent u l-benessere ta' l-annimali

Artikolu 13

Kwalinkwe impenn għat-tkabbir tat-trobbija ta' l-annimali jew għall-amministrazzjoni differenti tal-irziezet għandha tkun konformi ma' mill-anqas il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-amministrazzjoni tal-mergħa bil-ħaxix għandha tibqa';

(b) il-qobla għandhom ikunu mqassma matul l-art kollha b'tali mod li ż-żona kollha tal-mergħa tkun mantnuta, b'hekk tkun evitata il-mergħa eċċessiva jew in-nuqqas ta' utilizzazzjoni;

(ċ) id-densità tal-qobla għandha tkun definita billi jkun meqjus li l-qobla kollha fil-mergħa jinzammu fuq dik l-art jew, fil-każ ta' impett tal-limitu tat-tlissija, l-annimali kollha li jinżammu fuq dik l-art ikunu relevanti għall-impenn f'dak il-każ.

Artikolu 14

1. Is-sostenn jista jkun relatat ma' dawn l-impenji li ġejjin:

(a) li jittkabbru annimali tal-irziezet minn razzez lokali indiġeni għaż-żona u li huma fil-periklu li jintilfu mill-irziezet;

(b) għall-preservazzjoni tar-riżorsi tal-pjanti ġenetiċi adattati għall-kondizzjonijiet lokali u reġjonali u li jinsabu mhedda bl-erożjoni ġenetika.

2. Ir-razzez lokali u r-riżorsi tal-pjanti ġenetiċi għandhom ikollhom rwol fil-manutenzjoni ta' l-ambjent fiż-żona li dwarha il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 1 huma applikabbli.

L-ispeċje eliġibbli ta' l-annimali tal-irziezet u l-kriterja għad-determinazzjoni tal-limiti tat-telf tar-razzez lokali mill-irziezet huma definiti fit-tabella fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, xogħlijiet kapitali għandhom ikunu meqjusa bħala mhux-remunerattivi, basta li dawn ma jkunux normalment iwasslu għal xi żieda netta sinifikanti fil-valur jew fil-profittibbiltà tar-razzet.

▼B

Artikolu 16

L-impenji ta' l-agri-ambjent lil hinn mill-perijodu minimu ta' ħames snin referut fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 m'għandhomx idumu aktar mill-perijodu milli jkun reġjonevolment meħtieġ għall-akkwist ta' l-effetti ambjentali tagħhom. Dawn m'għandhomx ikunu għal aktar minn 10 snin, apparti milli fil-każ ta' impenji speċifiċi meta perijodu itwal jinstab bħala indispensabbli.

Artikolu 17

Diversi impenji dwar l-agri-ambjent u/jew il-benessere ta' l-annimali jistgħu ikunu miġbura flimkien basta li dawn ikunu kumplamentarji u kompatibbli.

Meta l-miżuri ta' l-agri-ambjent ikun hekk miġmuha, il-livell ta' l-appoġġ għandu jqis id-dħul mitluf u l-espejjeż addizzjonali speċifiċi li jirriżultaw minn din il-ġemgħa.

Artikolu 18

1. Il-livell ta' referenza għall-kalkolu tad-dħul mitluf u tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-impenji mogħtija għandhom ikunu skond il-prattika tajba normali tal-biedja fiż-żona ta' fejn il-miżuri jkunu applikati.

Il-konsegwenzi ekonomiċi għall-abbandun ta' l-art jew tat-twaqqif ta' ċerti prattiċi tal-biedja jistgħu ikunu meqjusa meta dan ikun iġġustifikat biċ-ċirkostanzi agronomiċi jew ambjentali.

2. Meta l-impenji jkunu normalment espressi f'unitajiet apparti minn dawk użati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw il-pagamenti fuq il-bażi ta' dawn l-unitajiet l-oħrajn. F'tali każi, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ammonti massimi ta' kull sena li jkunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Komunità kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1257/199 ikun hemm konformità magħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu:

(a) jistabbilixxu limitu tan-numru ta' unitajiet kull ettaru ta' art tal-biedja li dwarha l-impenji agri-ambjentali jkunu applikabbli;

jew

(b) jiddeterminaw l-ammont massimu globali għal kull razzet parteċipanti u jassiguraw li l-pagamenti għal kull razzet ikunu kompatibbli ma dan il-limitu.

3. Il-pagamenti jistgħu ikunu ibbażati fuq il-limiti ta' l-użu tal-fertilizzanti, il-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti jew ta' impenji oħrajn, biss jekk, tali limiti jkunu teknikament u ekonomikament jistgħu jitkejlu.

Artikolu 19

L-Istati membri għandhom jiddeterminaw il-ħtieġa li jipprovdu inċentiv kif hemm provvediment dwar dan fit-tielet inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 fuq il-bażi ta' kriterja oġġettiva.

L-inċentivi ma jistgħux jeċċedu 20 % ta' l-ammont mitluf u taż-żidiet addizzjonali minħabba l-impenn mogħti, appart milli fil-każ ta' impenji speċifiċi meta rata għola tkun meqjusha bħala indispensabbli għall-impelemetazzjoni effettiva tal-miżura.

Artikolu 20

Bidwi li jagħti impenn agri-ambjentali jew impenn tal-benesseri ta' l-annimali li jirrigwardja parti wahda mir-razzet (art) għandu jkun marbut

▼B

ma' mill-anqas in-norma tal-prattika normali ta' biedja tajba matul ir-razzet (il-qasam) kollu.

Artikolu 21

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw impenn wieħed li għandu jkun konvertit f'ieħor matul il-perijodu ta' l-operat tiegħu, bil-kondizzjoni li:

(a) tali konverżjoni tkun ta' benefiċċju mingħajr dubbju għall-ambjent jew għall-benesser ta' l-annimali;

(b) l-impenn eżistenti jkun sinifikament enforzat;

u

(ċ) il-programm approvat ikun jinkludi l-impenji kkonċernati.

Xi impenn agri-ambjentali jista' jkun ikkonvertit f'impenn għall-afforestazzjoni ta' art agrikola pemezz ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-impenn ta' l-agri-ambjent għandu jieqaf mingħajr rikompens meta jkun hekk mitlub.

2. L-Istati membri jistgħu jippermettu l-impenji ta' l-agri-ambjent jew tal-benessere ta' l-annimali li jkunu aġġustati matul il-perijodu li dwaru jkunu applikabbli, bast li l-programm approvat ikun jinkludi l-iskop għal tali aġġustament u li l-aġġustament ikun ġustifikat sewwa f'dak li jirrigwardja l-għanijiet ta' l-impenn.

▼M1
▼C1

3. Meta l-impenji agroambjentali jeskadu qabel it-tmiem tal-perjodu ta' pprogrammar stipulat fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Istati Membri jistgħu jestenduh sakemm l-aħħar sena tal-impenn ma tibdiex aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw adattazzjonijiet għall-meded tal-azjenda koperta mill-impenn biex jitqies trasferiment ta' parti mill-azjenda tal-benefiċjarju lil persuna oħra matul il-perjodu ta' estensjoni, sakemm dawn l-adattamenti ma jnaqqsux il-medda koperta mill-impenn b'aktar minn 50 %.

▼B

SEZZJONI 8

Kwalità ta' l-ikel

Sub-sezzjoni 1

Parteċipazzjoni fl-iskemi tal-kwalità ta' l-ikel

Artikolu 22

1. L-għajnuna prevista fl-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 tista' tkun mogħtija lill-bdiewa li jipparteċipaw fi skema ta' kwalità biss, jekk il-prodott agrikolu jew l-oġġetti ta' l-ikel ikunu ġew uffiċċjalment rikonoxxuti permezz tar-Regolamenti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu jew ta' skema nazzjonali tal-kwalità kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu.

2. Meta appoġġ permezz ta' l-Artikolu 24b tar-Regolament Nru 1257/1999 għall-parteċipazzjoni fi skema tal-kwalità ta' l-ikel permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 [1] dwar prodott speċifiku jkun inkluż fil-programmizzar tal-iżvilupp rurali, in-nefqa fissa

[1] ĠU L 198, tat-22.07.91, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 746/2004 (ĠU L 122, tas-26.04.04, p. 10).

▼B

li tirriżulta mill-parteċipazzjoni ta' din l-iskema ta' kwalità m'għandhiex aktar tkun meqjusa fil-kalkolu ta' l-ammont ta' appoġġ fil-qafas tal-miżura agri-ambjentali għall-appoġġ tal-biedja organika għall-istess prodott.

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 24c tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "spejjeż fissi" tfisser l-ispejjeż minfuqa għad-dħul fi skema ta' kwalità u tal-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'tali skema, inkluż, meta meħtieġ, l-ispiża fuq il-verifika meħtieġa għall-verifika mal-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema.

Sub-sezzjoni 2

Inkurraġġiment ta' prodotti ta' kwalità

Artikolu 23

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 24d(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "gruppi ta' produtturi" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni, ta' kwalunkwe għamla legali, li twassal ħalli tiġbor flimkien l-operaturi li attivament jipparteċipaw fi skema ta' kwalità koperta fl-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għal prodott agrikolu jew oġġett ta' l-ikel speċifiċi.

Organizzazzjonijiet professjonali u/jew inter-professjonali li jirrappreżentaw settur wieħed jew aktar ma jistgħux jikkwalifikaw bħala "gruppi ta' produtturi" fis-sens ta' l-ewwel paragrafu.

Artikolu 24

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 24d(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/199, l-attivitajiet l-informazzjoni, l-inkurraġġiment u tar-reklamar eliġibbli għal sostenn għandhom ikunu attivitajiet iddisinjati sabiex iħeġġu lill-konsumaturi li jixtru prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel koperti bi skemi ta' kwalità inklużi fid-dokument tal-programmizzar permezz tal-miżura "skemi ta' parteċipazzjoni fi skemi ta' ikel ta' kwalità".

Tali attivitajiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni lejn fatturi speċifiċi jew tal-vantaġġi tal-prodotti ikkonċernati, notevolment il-kwalità, metodi speċifiċi tal-produzzjoni, normi għaljin tal-benesser ta' l-annimali u li jirrispettaw l-ambjent marbut mal-iskema ikkonċernata tal-kwalità, u jistgħu jinkludu id-dissiminazzjoni ta' tagħrif xjentifiku u tekniku dwar dawn il-prodotti.

Tali attivitajiet għandhom jinkludu, partikolarment, l-organizzazzjoni ta', u/jew il-parteċipazzjoni fi, fieri u esebizzjonijiet, eżerċizzji simili tar-relazzjonijiet pubbliċi u r-reklamar permezz tad-diversi kanali ta' komunikazzjoni jew fil-punt tal-bejgħ.

Artikolu 25

1. L-attivitajiet biss dwar l-informazzjoni, inkurraġġiment u reklamar fis-suq intern għandhom ikunu eliġibbli għal sostenn bis-saħħa ta' l-Artikolu 24d tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. Attivitajiet bis-saħħa ta' l-Artikolu 24 ma jistgħux ikunu jikkonċernaw ismijiet kummerċjali. Dawn ma jistgħux iħeġġu lill-konsumaturi li jixtru prodott minħabba l-oriġini partikolari tiegħu, apparti milli għall-prodotti koperti bl-iskema ta' kwalità introdotta bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2081/92 ([1]) u dawk koperti fir-Regolament tal-Kunsill

([1]) ĠU L 208, tal-24.07.92, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 1).

▼B

(KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]).

L-oriġini ta' prodott jista, b'dana kollu, ikun indikat basta li din l-indikazzjoni ta' l-oriġini tkun subordinata għall-messaġġ ewlieni.

3. Meta l-attivitajiet koperti bl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament ikunu jikkonċernaw prodott inkluż fi skema ta' kwalità li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 24b(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-logo tal-Komunità li hemm dispożizzjoni dwaru permezz ta' dawk l-iskemi għandu jkun jidher fuq il-materjal; ta' l-informazzjoni, l-inkurraġġiment u/jew ir-reklamar.

4. L-attivitajiet tal-informazzjoni u tal-inkurraġġiment sostnuti bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2826/2000 m'għandhomx jikkwalifikaw għal appoġġ bis-saħħa ta' l-Artikolu 24d tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

Artikolu 26

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-abbozzi kollha tal-materjali dwar l-informazzjoni, l-inkurraġġiment u r-reklamar, imħejjija fil-kuntest ta' attività li tibbenefika minn appoġġ bi qbil ma' l-Artikolu 24d tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li jkunu konformi tal-leġislazzjoni tal-Komunità. Għal dak il-għan, il-benefiċjarji għandhom jitrasmettu tali abbozzi tal-materjali lejn l-awtorità kompetenti tal-Istati Membri.

SEZZJONI 9

Titjib fl-ipproċessar u fil-marketing tal-prodotti agrikoli

Artikolu 27

L-ispiża eliġibbli tista' tinkludi:

(a) il-kostruzzjoni u l-akkwist ta' propjeta immobbli, bl-eċċezzjoni taxxiri ta' l-art;

(b) makkinarju u apparat ġdid, inkluż is-*software* tal-kompjuter;

(ċ) l-ispejjeż ġenerali, bħalma huma l-miżati tal-periti, tal-inġiniera u tal-konsulenti, studju tal-prattikalità, l-akkwist tal-privattivi u tal-liċenzi.

L-ispejjeż referuti fil-punt (c) ta' l-ewwel subparagrafu għandhom ikunu b'żieda ma' l-ispejjeż referuti fi (a) u (b) u għandhom ikunu meħqusa bħala nefqa eliġibbli sa massimu ta' 12 % ta' dawk l-ispejjeż. Għall-iżvilupp ta' teknoloġija ħodda kif referuti fl-Artikolu 2592), ir-raba' inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-massimu jista' jkun miżjud sa 25 %.

Artikolu 28

1. Għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "unitajiet żgħar tal-ipproċessar" tfisser impriżi b'anqas minn 10 impjegati u b'total ta' negozju globali annwali jew bi *balance sheet* annwali li ma jeċċedix EUR 2 miljuni.

2. Il-perijodu ta' grazzja li fih l-Istati membri jistgħu jagħtu, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 li matulu għandhom ikunu konformi man-normi godda kif introdotti ma jistax jeċċedi 36 xahar mid-data li fiha n-norma issir mandatorja għall-unità żgħira tal-ipproċessar.

([1]) ĠU L 179, tal-14.07.99, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, ta' l-14.10.2003, p. 13)

▼B

It-tmiem tal-perijodu tal-investiment referut fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkun matul il-perijodu ta' grazzja kif stabbilit fit-tieni paragrafu ta' hawn fuq.

Artikolu 29

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-eżistenza ta' sfog normali tas-suq għandha tkun assessjata fil-livell xieraq b'relazzjoni ma':

(a) il-prodotti ikkonċernati;

(b) it-tipi ta' investiment;

(ċ) il-kapaċità eżistenti u ippjanata.

2. Xi restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew limiti fuq l-appoġġ tal-Komunità permezz ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq għandhom ikunu meqjusa.

Artikolu 30

Fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, l-appoġġ jista jkun mogħti għall-investiment fl-ipproċessar jew fil-*marketing* ta' prodotti minn pajjiżi terzi, basta li l-prodotti ipproċessati jkunu ntiżi għas-suq tar-reġjun f'dak il-każ.

Għall-iskopijiet tal-konformità mal-kondizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-appoġġ għandu jkun limitat għall-kapaċità tal-ipproċċessar li tkun tikkorrespondi mal-ħtiġijiet reġjonali, basta li tali kapaċità tal-ipproċessar ma tkun teċċedi tali ħtiġijiet.

SEZZJONI 10

Foresterija

Artikolu 31

Il-foresti li huma inklużi mill-appoġġ tal-foresterija permezz ta' l-Artikolu 2993) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom ikunu:

(a) foresta jew art ohra nsaġġra li tkun il-propjetà ta' gvernijiet ċentrali jew reġjonali, jew ta' korporazzjonijiet ikkontrollati mill-gvern;

(b) foresta jew art ohra nsaġġra li tkun il-propjetà tal-kuruna;

(ċ) il-foresti li huma l-propjetà ta' persuni legali li mill-anqas 50 % tal-kapital tagħhom ikun jappartieni lill-waħda mill-istituzzjonijiet referuti fil-punti (a) u (b).

Artikolu 32

Art agrikola oħra eliġibbli għal sostenn ta' l-afforestazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandha tkun speċifikata mill-Istat Membru u għandha tinkludi partikolarment, l-art tajba għall-ħrit, art bil-ħaxix, mergħat permanenti u art użata għal uċuħ perenni, ta' fejn ix-xogħol tar-rabgħa jkun iseħħ fuq bażi regolari.

Artikolu 33

1. Għall-iskopijiet tat-tieni inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 31)1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "bidwi" jfisser persuna li tiddedika parti essenjali mill-ħin tax-xogħol tagħha jew tiegħu għal attivitajiet agrikoli u li jakkwista parti sinifikanti tal-qligħ tagħha jew tiegħu skond il-kriterja dettaljata li għandha tkun determinata mill-Istat Membru.

▼B

2. Għall-iskopijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 31)3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "speċjali li jikbru malajr ikkoltivati għal żmien qasir" tfisser speċje bi żmien rotazzjonali, jiġifieri il-perijodu ta' bejn żewgt iħsad fuq l-istess medda art, ta' anqas minn 15-il sena.

Artikolu 34

1. Sostenn permezz ta' l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jista' li ma jkunx mogħti għaż-żoni li dwarhom l-appoġġ ikun diġa ġie mogħti bis-saħħa ta' l-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament.

2. Pagamenti għall-manteniment ta' spazzjoni għat-twaqqif tan-nirien permezz ta' miżuri agrikoli skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jistgħu li ma jkunux mogħtija għaż-żoni li jibbenefikaw mill-appoġġ ta' l-agri-ambjent.

Tali pagamenti għandhom ikunu ikkonsidrati mingħajr xi restrizzjonijiet mal-produzzjoni jew tal-limitazzjonijiet ta' l-appoġġ tal-Komunità permezz ta' l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni u għandhom ikunu meqjusa l-pagamenti mwettqa permezz ta' dawk l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni.

SEZZJONI 11

Regoli komuni għal diversi miżuri

Artikolu 35

1. Għall-iskopijiet tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 14(2) u ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, "prattika normali tajba tal-biedja", tfisser il-biedja normali li bidwi jkun mistenni li raġjonevolemnt iwettaq fir-reġjun ikkonċernat.

L-Istati Membru għandhom jiddefinixxi normi verifikabbli fil-pjani tagħhom tal-iżvilupp rurali. Dawn in-normi għandhom mill-anqas jinvolvu l-konformità ma ħtiġijiet ġenerali mandatorji dwar l-ambjent. Sigward l-appoġġ għall-benessere ta' l-annimali skond l-Artikolu 22, it-tieni subparagrafu, il-punt (f) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, dawk in-normi jinkludu mill-anqas il-ħtiġijiet mandatorji ta' din iż-żona.

2. Meta Stat Membru jagħti perijodu ta' grazzja għall-konformità ma' normi ġodda kif referuti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, jew għal perijodu għall-konformità ta' bdiewa żgħażagħ man-normi minimi referuti fl-Artikolu 4, it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament, il-bdiewa jibqgħu eliġibbli għall-allokazzjonijiet kompensatorji referuti fil-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u/jew għal appoġġ ta' l-agri-ambjent jew tal-benessere ta' l-annimali referut fil-Kapitolu VI ta' dak ir-Regolament matul dan il-perijodu basta li l-kondizzjonijiet l-oħrajn għall-għoti ta' dan l-appoġġ ikunu ġew milħuqa u basta li l-bidwi jkun konformi man-normi ikkonċernati fit-tmiem tal-perijodu.

Artikolu 36

▼M1
▼C1

Meta benefiċjarju jittrasferixxi l-impriża kollha tiegħu jew parti minnha lil persuna oħra matul il-perjodu li għalih ikun ingħata impenn bhala kundizzjoni għall-għoti ta' għajnuna, din il-persuna l-oħra tista' tassumi l-impenn għall-bqija tal-perjodu. Jekk l-impenn ma jkunx trasferit, il-benefiċjarju għandu jrodd l-għajnuna li ngħatat.

L-Istati Membri, huma u japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jagħżlu li ma jesiġux dan ir-rimborż fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-benefiċjarju li jkun diġà eżegwixxa parti sostanzjali mill-impenn konċernat jieqaf għall-kollox mill-attivitajiet agrikoli u ma jkunx possibbli għas-suċċessur, li jassumi l-impenn,

▼C1

(b) jekk it-trasferiment ta' parti mill-azjenda ta' benefiċjaru jseħħ matul perjodu ta' estensjoni tal-impenn skont l-Artikolu 21(3) u jekk it-trasferiment ma jaqbiżx 50 % tal-medda ta' qabel l-estensjoni.

▼B

Fil-każ ta' tibdiliet żgħar fis-sitwazzjoni ta' qasam, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri speċifiċi sabiex jassiguraw li l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ma tkunx twassal għal riżultati mhux xierqa fit-termini ta' l-impenn li jkun daħal għalih.

Artikolu 37

1. Meta benefiċjarju jżid id-daqs taż-żona tal-qasam matul il-perijodu li dwaru jkun ingħata impenn bħala kondizzjoni għall-għoti ta' l-appoġġ regoli, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-impenn li jkun estiż sabiex ikopri ż-żona addizzjonali għall-kumplament tal-perijodu ta' l-impenn bi qbil mal-paragrafu 2, jew li l-impenn oriġinali jkun mibdul b'wieħed ġdid bi qbil mal-paragrafu 3.

Dispożizzjoni tista' wkoll issir għal tali tibdil fil-każi ta' meta ż-żona koperta minn impenn tkun fi ħdan il-qasam estiż.

2. L-estenzjoni referuta fil-paragrafu 1 tista' tkun mogħtija biss skond dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun ta' benefiċċju mingħajr ebda dubbju għall-miżura ikkonċernata;

(b) tkun ġustifikata fit-termini tan-natura tal-impenn, tat-tul tal-kumplament tal-perijodu u tad-daqs taż-żona addizzjonali;

(ċ) ma tkunx tfixkel l-effettività tal-verifiki sabiex tassigura l-konformità mal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna.

Id-daqs taż-żona addizzjonali referuta fi (b) għandha tkun sinifikament anqas miż-żona oriġinali u mhux aktar minn żewġ ettari.

3. L-impenn il-ġdid referut fil-paragrafu 1 għandu jkopri iż-żona ikkonċernata permezz tat-termini li jkunu mill-anqas stretti daqs dawk ta' l-impenn oriġinali.

Artikolu 38

Meta benefiċjarju ma jkunx jista' aktar li jkun konformi mal-impenji mogħtija minħabba li l-qasam ikun diviż mill-ġdid jew li jkun suġġett għal miżuri oħrajn simili tal-konsolidazzjoni ta' art pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu li l-impenji jkunu adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida tal-qasam. Jekk tali adattazzjoni turi li tkun impossibbli, l-impenn għandu jeskadi u l-ħlas lura m'għandux ikunu meħtieġ fir-rigward tal-perijodu li fih l-impenn kien effettiv.

Artikolu 39

1. Mingħajr preġudizzju għaċ-ċirkostanzi attwali li għandhom ikunu meqjusa f'każi individwali, l-Istati Membri kostgħu jirrikonoxxu, partikolarment, il-kategoriji li ġejjin bħala *force majeure*:

(a) il-mewt tal-bidwi;

(b) l-inkapaċità okkupazzjonali f'termini fit-tul tal-bidwi;

(ċ) l-esproppjazzjobi ta' parti kbira tal-qasam jekk dan ma jistgħax ikun antiċipat fil-jum li fih l-impenn kien mogħti;

(d) disastru nazzjonali serju li jaffetwa l-art agrikola tal-qasam;

(e) destruzzjoni aċċidentali tal-bini tal-qobla li jkunu fil-qasam;

(f) mard epiżootiku li jaffetwa il-qobla kollha jew parti minnhom ta' fuq il-qasam.

▼B

L-Istati membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kategoriji li jirrikonoxxu bħala *force majeure*.

2. Il-każi ta' *force majeure* għandhom ikunu notifikati lill-awtorità kompetenti, flimkien mar-relevanti għas-sodisfazzjon ta' dik l-awtorità, fi żmien 10 tijiem utili mid-data li fiha il-bidwi jkun f'pożizzjoni li jagħmel hekk. Dan il-limitu ta' żmien jista jkun estiż bi 20 jum utili sakemm dik il-possibbiltà jkun hemm provvediment dwarha fid-dokument tal-programmizzar.

Il-KAPITOLU II

REGOLI ĠENERALI U DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI

SEZZJONI 1

Regoli Ġenerali

Artikolu 40

Għall-iskop tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 37(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Artikolu 41, 42 u 42 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli.

Artikolu 41

1. Il-miżuri ambjentali implementati permezz ta' l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni, il-miżuri tal-kwalità agrikola u tas-saħħa, u l-miżuri tal-iżvilupp rurali apparti milli ta' l-appoġġ agri-ambjent m'għandhom ifixklu l-appoġġ ta' l-agri-ambjent għall-istess produzzjoni, basta li tali appoġġ ikun addizzjonali u konsistenti mal-miżuri ikkonċernati u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3.

2. Meta l-appoġġ ikun miġbur flimkien bi qbil mal-paragrafu 1, il-livell ta' l-għajnuna għandu jqis id-dħul mitluf u l-espejjeż addizzjonali speċifiċi li jirriżultaw minn din il-ġemgħa.

3. Il-miżuri ta' l-agri-ambjent dwar art imwarrba permezz ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 ([1]) għandhom jikkwalifikaw għall-appoġġ biss jekk iċ-ċirkostanzi jmorru lil hinn mill-miżuri xierqa dwar l-ambjent referutu fl-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament.

Mill-1 ta' Jannar 2005, Il-miżuri l-ġodda ta' l-agri-ambjent dwar art imwarrba permezz ta' l-Artikolu 54 u ta' l-Artikolu 107 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 għandhom jikkwalifikaw għall-appoġġ biss jekk l-impenji jmorru lil hinn mill-ħtiġijiet bażiċi stabbili fl-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament.

Fil-każ ta' l-estensifikazzjoni tal-produzzjoni taċ-ċanga, l-appoġġ għandu jqis il-pagament ta' l-estensifikazzjoni permezz ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 ([2]).

Fil-każ ta' l-appoġġ għal żoni anqas favoriti u ż-żoni b'restrizzjonijiet ambjentali, l-impenji ta' l-agri-ambjent għandhom iqisu l-kondizzjonijiet stabbiliti għall-appoġġ f'dawk iż-żoni ikkonċernati.

([1]) ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.03, p. 1).

([2]) ĠU L 160, tas-26.06.99, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

▼B

Artikolu 42

Taħt l-ebda ċirkostanzi ma jista l-istess impenn ikun suġġett għal pagamenti simultanji permezz ta' l-appoġġ agri-ambjent u ta' skema oħra ta' għajnuna mill-Komunià.

Artikolu 43

L-Istati Membri jistgħu jipproponu kwalunkwe eċċezzjonijiet permezz ta' l-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 37(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 fil-pjanijiet tal-iżvilupp rurali tagħhom jew fid-dokumenti tal-programmizzar ippreżentati għall-Objettivi 1 u 2 kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 18(1) u (2) jew l-Artikolu 19(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

Artikolu 44

Pagamenti permezz tal-miżuri tal-iżvilupp rurali għandhom isiru bis-sħiħ lill-benefiċjarji

Artikolu 45

Ir-Regolament (KE) Nru 1685/2000 għandu jkun applikabbli għall-miżuri inklużi fil-programmizzar referut fl-Artikolu 40(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, apparti meta jkun hemm provvediment mod ieħor fir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u (KE) Nru 1258/1999 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 46

1. L-Istati Membri li japplikaw in-norma tal-ispiża ta' l-unità għall-istabbeliment tal-ispiża ta' ċerti investimenti tal-foresterija permezz ta' l-ewwel, it-tieni u s-sitt inċiżi ta' l-Artikolu 30(1) u ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jistgħu jeżentaw lill-benefiċjarji mill-ħtieġa li jippreżentaw il-fatturi bl-irċevuti jew id-dokumenti li jakkompanjawhom jew il-valur prabattiv ekwivalenti għall-investimenti ikkonċernati kif hemm provvediment dwar dan fil-punt 2 tar-Regola 1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000.

2. L-ispejjeż riferuti fil-paragrafu 1 jistgħu ikunu applikati basta li dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:

(a) l-ispejjeż għandhom ikunu ikkalkolati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fuq il-bażi tal-kriterja objettiva li tippermetti d-determinazzjoni tal-ispiża ta' l-attivitajiet individwali, billi jkunu meqjusa l-kondizzjonijiet speċifiċi lokali u jkun evitat xi kumpens żejjed.

(b) il-finanzjament parzjali ta' l-investimenti jseħħ bejn id-data ta' meta l-applikazzjoni għall-għajnuna jkunu ippreżentati u d-data finali ta' meta jkun sar dak il-pagament ta' l-għajnuna.

SEZZJONI 2

Programmizzar

Artikolu 47

Il-pjani tal-iżvilupp rurali permezz tal-Kapitoli II tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandhom ikunu ippreżentati bi qbil ma l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 48

1. L-approvazzjoni tad-dokumenti tal-programmazzar referuti fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandha tiddeter-

▼B

mina l-ammont globali ta' l-appoġġ mill-Komunità. JEKK L-Istati Membri jagħżlu għal programmizzar reġjinalizzat tal-iżvilupp rurali, l-ammont globali jista jkun suġġett għal deċiżjoni separata li jkun fiha tabella finanzjarja konsolidata għall-programmi kollha tal-iżvilupp rurali tal-Istat Membru ikkonċernat.

l-ammont referut fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi:

(a) in-nefqa fuq il-miżuri ipġprežentati permezz tal-programmizzar ġdid tal-iżvilupp rurali, inkluża l-ispiża fuq l-evalwazzjoni permezz ta' l-Artikolu 49(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999;

(b) l-ispiża minfuqha permezz tal-miżuri akkompanjaturi preċedenti koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2078/92 ([1]), (KEE) Nru 2079/92 ([2]) u (KEE) Nru 2080/92 ([3]) u permezz tal-miżuri koperti b'Regolamenti preċedenti imħassra bir-Regolamenti ta' hawn fuq;

(ċ) l-ispiża minfuqha fuq il-miżuri permezz ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2603/1999.

2. L-approvazzjoni għandha tkopri wkoll l-allokazzjoni u l-użu ta' l-ammonti li jibqgħu disponibbli għall-Istati Membri bħala appoġġ addizzjonali tal-Komunità permezz ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999. Jekk tkun adottatta deċiżjoni separata kif referut fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dawn l-ammonti għandhom jidhru fit-tabella finanzjarja annessa ma din id-deċiżjoni.

B'dana kollu, dawk l-ammonti m'għandhomx ikunu nklużi fl-ammont globali ta' l-appoġġ tal-Komunità referut fil-paragrafu 1.

3. L-approvazzjoni tista' tkopri l-għajnuna mill-Istat intiża li tipprovdi finanzjament addizzjonali tal-miżuri tal-iżvilupp rurali biss, jekk l-għajnuna mill-Istat tkun identifikata bi qbil mal-punt 16 ta' l-Anness II.

Artikolu 49

L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 50

Meta l-miżuri tal-iżvilupp rurali jkun ippreżentati fil-għamla ta' regolament f'qafas ġenerali, il-pjani tal-iżvilupp rurali għandhom ikollhom referenza xierqa għal tali regolamenti.

L-Artikoli 47, 48 u 49 għandhom ukoll ikunu applikabbli fil-każ referut fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 51

1. Emendi għad-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali u l-miżuri tal-iżvilupp rurali inlużi f'dokumenti singoli tal-programmizzar permezz ta' l-Objettiva 2 li huma iffinanzjati mill-FAEGG, Sezzjoni tal-garanzija, għandhom ikunu sostanzjati kif xieraq, partikolarment billi jkun fihom l-informazzjoni segwenti:

(a) ir-raġunijiet u xi problemi ta' l-impementazzjoni li jiġġustifikaw l-aġġustament tad-dokument tal-programmizzar;

(b) l-effetti mistennija mill-emenda;

(ċ) l-implikazzjonijiet tal-finanzjament u tal-verifika tal-impenji.

2. Billi taġixxi bi qbil mal-proċeduri referuti fl-Artikoli 50(2) u 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, il-Kummissjoni għandha tapprova

([1]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 85.
([2]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 91.
([3]) ĠU L 215, tat-30.07.92, p. 96.

▼B

dawk l-emendi għad-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali, tat-tabella finanzjarja annessa mad-deċiżjoni referuta fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 48(1) u tal-miżuri tal-iżvilupp rurali inklużi fid-dokumenti singoli tal-proġrammizzar permezz tal-Objettiv 2 iffinanzjat mill-FAEGG, Sezzjoni tal-Garanzija, kull meta dawn ikollhom effett fuq:

(a) il-prijoritajiet;

(b) il-fatturi ewlenija tal-miżuri ta' l-appoġġ kif indikat fl-Anness II;

(ċ) l-ammont massimu globali ta' l-appoġġ tal-Komunità u/jew it-total minimu globali tal-ispiża eliġibbli jew tan-nefqa pubblika eliġibbli stabbiliti fid-deċiżjoni li tapprova d-dokument tal-programmizzar jew fid-deċiżjoni referuta fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 48(1);

(d) id-distribuzzjoniji ta' l-allokazzjoni finanzjarja imwettqa għall-miżuri li jkunu fid-dokument tal-programmizzar meta din tkun teċċedi:

— 15 % tal-ispiża totali eliġibbli tal-programm ikkonċernat għall-perijodu intier tal-programmizzar, jekk il-kontribuzzjoni tal-Komunità tkun ibbażata fuq l-ispiża totali eliġibbli,

— 20 % tal-ispiża totali eliġibbli tal-programm ikkonċernat għall-perijodu intier tal-programmizzar, jekk il-kontribuzzjoni tal-Komunità tkun ibbażata fuq l-ispiża pubblika eliġibbli,

Ikkalkolati fuq il-bażi ta' l-aħħar kolonna (total) tat-tabella finanzjarja annessa mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova d-dokument tal-programmizzar jew annessa mad-deċiżjoni referuta fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 48(1), kif l-aħħar emendat.

3. L-emendi referuti fil-paragrafu 2 għandhom ikunu ippreżentati lill-Kummissjoni fi proposta singola għal kull programm mhux aktar minn darba kull sena kalendarja.

L-ewwel subparagrafu ma għandux ikun applikabbli:

(a) meta l-emendi huma meħtieġa bħala riżultat ta' disastru naturali jew ta' okkorrenza eċċezzjonali oħra b'impatt maġġuri fuq il-programmizzar tal-Istat Membru;

(b) meta emenda tat-tabella finanzjarja annessa mad-deċiżjoni referuta fl-Artikolu 48(1) tkun meħtieġa bħala riżultat ta' emenda tad-dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali.

4. L-emendi ta' natura finanzjarja li ma humiex koperti bil-paragrafu 2(d) u l-emendi tar-rata tal-kontribuzzjoni kif referuta fl-ewwel inċiż tal-punt 9(2) B ta' l-Anness II għandhom ikunu ikkomunikati lejn il-Kummissjoni flimkien mat-tabella finanzjarja emendata bi qbil mal-punt 8 ta' l-Anness II. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha jkunu waslu għand il-Kummissjoni.

L-emendi ta' natura finanzjarja kif referuti fl-ewwel subparagrafu ma jistgħux jeċċedu l-massimi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 2(d) meta jkunu totalizzati matul sena kalendarja.

5. L-emendi l-oħrajn apparti minn dawk koperti fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu ikkommunikati lejn il-Kummissjoni mill-anqas tlett xhur qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

Tali emendi jistgħu jidħlu fis-seħħ aktar kmieni jekk il-Kummissjoni tikkonferma lill-Istat Membru qabel it-tmiem tal-perijodu ta' tlett xhur li l-emendi notifikati jkunu konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità.

Jekk l-emenda notifikata ma tkunx konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru dwar dan u l-perijodu ta' tlett xhur li hemm provvediment dwaru fl-ewwel subparagrafu għandu jkun sospiż sakemm il-Kummissjoni tirċievi l-emenda li tkun konformi.

▼B

Artikolu 52

Meta l-leġislazzjoni tal-Komunità tkun emendata, id-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali u d-dokumenti tal-programmizzar singolu permezz ta' l-Objettiva 2 għandhom ikunu reveduti bi qbil ma dawk l-emendi, jekk ikun meħtieġ

l-Artikolu 51(3) m'għandux ikun applikabbli għal tali reviżjonijiet.

Tali emendi għad-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali jew tad-dokumenti tal-programmizzar singoli permezz ta' l-Objettiva 2 li huma limitati għat-twassil tad-dokument b'konformità mal-leġislazzjoni l-ġdida tal-Komunità, dawn għamndhom jintbagħtu lill-Kummissjoni għall-informazzjoni.

Artikolu 53

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lejn il-Kummissjoni verżjoni elettronika ikkonsolidata tad-dokumenti tal-programmizzar tagħhom, aġġornati wara kull emenda tali. Huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-indirizz elettroniku li fih il-berżjonijiet konsolidati tad-dokumenti tal-programmizzar jistgħu ikunu ikkonsultati u għandhom jinfurmawha kull darba li jkunu aġġornati.

Aktar minn hekk, l-Istati Membri għandhom iżommu verżjoni elettronika tal-verżjonijiet preċedenti kollha tad-dokumenti tal-programmizzar tagħhom.

SEZZJONI 3

Miżuri addizzjonali u inizjattivi tal-Komunità

Artikolu 54

L-iskop ta' l-għajnuna mis-Sezzjoni ta' Gwida tal-FAEGG huwa estiż għall-Komunità kollha fil-każ ta' miżuri permezz tal-iżvilupp rurali tal-inizjattiva tal-Komunità u l-miżuri estiżi tal-finanzjament tagħha li huma eliġibbli permezz tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1783/1999 ([1]) u (KE) Nru 1784/1999 ([2]).

SEZZJONI 4

Dispożizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 55

1. Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati membri għandhom iwasslu l-informazzjoni li ġejja għand il-Kummissjoni, għal kull dokument tal-programmizzat tal-iżvilupp rurali u ta' kull dokument tal-programmizzar singolu permezz tal-Objettiv 2 f'dak li jirrigwardja l-miżuri tal-iżvilupp finanzjati mis-Sezzjoni tal-garanzija tal-FAEGG:

(a) stqarrija tal-ispiża minfuqha matul is-sena finanzjarja kurrenti u l-ispiża li tkun għandha pendenti li tkun trid titħallas sat-tmiem ta' dik is-sena u koperta blk-appoġġ tal-Komunità kif definit fl-Artikolu 48(1),

u

(b) it-tbassir revedut ta' tali nefa għas-snin finanzjarju sussegwanti sat-tmiem tal-perijodu tal-programmizzar ikkonċernat, li għandhom ikunu fil-limiti ta' l-allikazzjoni għal kull Stat Membru.

([1]) ĠU L 213, tat-13.08.99, p. 1.
([2]) ĠU L 213, tat-13.08.99, p. 5.

▼B

Din l-informazzjoni għandha tkun trasmessa f'għamla ta' tabella bl-użu ta' mudell komputerizzar kif fornut mill-Kummissjoni.

2. Mingħajr preġudizju għar-regoli ġenerali dwar id-dixxiplina tal-budget, meta l-informazzjoni li l-Istati Membri huma meħtieġa li jittrasmettu lejn il-Kummissjoni permezz tal-paragrafu 1 ma tkunx kompluta jew il-limitu ta' żmien ma jkun ġie milħuq, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-avvanzi mad-dħul fil-kontijiet tal-ispiża agrikola fuq bażi temporanja u b'rata dritta.

Artikolu 56

1. Għax-xahar li matulu d-deċiżjoni hija adottat għall-approvazzjoni tad-dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali jew tad-dokument tal-programmizzar singolu permezz ta' l-Objettiv 2 f'dak li jirrigwardja l-miżuri tal-iżvilupp rurali finanzjati mis-Sezzjoni tal-garanzija tal-FAEGG, l-aġenziji tal-pagament jistgħu idaħħli fil-kontijiet bħala nefqa dak l-avvanz li ma jkux jeċċedi 12,5 & tal-medja tal-pkontribuzzjoni annwali tal-FAEGG li hemm provvediment dwarha fid-dokument tal-programmizzar, li tkopri l-ispiża referuta fl-Artikolu 18(1).

Dan l-avvanz għandu jirrapreżenta l-kapital disponibbli li għandu jkun irkuprat għal kull dokument tal-programmizzar:

(a) la darba s-somma miġmugħa tal-ispiża mħallsa mill-FAEGG u l-ammont ta' avvanz ikunu ugwali għat-total tal-kontribuzzjoni FAEGG li hemm provvediment dwarha fid-dokument tal-programmizzar,

jew

(b) fit-tmiem tal-perijodu tal-programmizzar, jekk l-ammont totali tal-kontribuzzjoni FAEGG ma tkunx milħuqa.

B'dana kollu, l-Istati membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu l-avvanz lura fit-tmien tal-perijodu tal-programmizzar.

2. Għal dawk il-pajjiżi li l-munita tagħhom mhix il-euro fid-data ta' tali dħul, l-avvanzi permezz tal-paragrafu 1 għandhom ikunu mdaħħla fil-kontijiet bl-użu tar-rata prevalenti fil-jum ta' hidma penultimu tal-Kummissjoni tax-xahar preċedenti li fih l-aġenziji tal-pagament ikunu daħlu l-avvanz fil-kontijiet.

Artikolu 57

1. Għal kull Stat Membru, l-ispiża iddikjarat għal kull sena finanzjarja partikolari għandha tkun finanzjata sal-limitu ta' l-ammonti notifikati lill-Kummissjoni skond il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 55(1) li huma koperti bl-approprazzjonijiet inklużi fil-budget tas-sena finanzjarja ikkonċernata.

2. Meta l-ammont tal-previżjonijiet notifikat skond il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 55(1) jeċċedi t-total ta' l-approprazzjonijiet inklużi fil-*budget* għas-sena finanzjarja ikkonċernata, l-ammont massimu tal-ispiża li għandha tkun finanzjata għal kull Stat Membru għandu jkun limitat bl-użu tal-formula użata sabiex tistabbilixxi l-allokazzjoni annwali kif definit fid-Deċiżjoni 1999/659/KE.

Jekk, wara dan it-tnaqqis, l-approprazzjonijiet jibqgħu disponibbli minħabba li uħud mill-Istati Membri jkunu għamlu previżjonijiet li huma anqas mill-allokazzjoni annwali tagħhom, l-ammont żejjed għandu jkun imqassam fi proporzjon ta' l-allokkazzjonijiet annwali rispettivi tal-Istati membri waqt li jkun assigurat li l-ammont imbassar għal kull Stat Membru kif referut fl-ewwel subparagrafu ma jkunx misbuq. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-allokkazzjonijiet inizjali għal kull Stat Membru stabbiliti bid-Deċiżjoni 1999/659/KE fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tal-budget għas-sena finanzjarja ikkonċernata. Fi żmien sitt ġimgħat b'segwiment ta' dik l-adatazzjoni l-Istati membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni, għal kull programm tal-iżvilupp

▼B

rurali u kull dokument singolu tal-programmizzar għall-Objettiv 2 f'dak li jirrigwardja l-miżuri tal-iżvilupp rurali finanzjati mill-FAEGG-Sezzjoni tal-garanzija, tabella finanzjarja ġdida li tkun konformi mat-tbassir aġġustat għas-sena finanzjarja ikkonċernata u l-allokazzjonijiet stabbiliti bid-Deċiżjoni 1999/659/KE kif modifikata.

Għall-2004, il-komunikazzjoni tat-tabella finanzjarja l-ġdida referuta fit-tieni subparagrafu għandha tkun fi żmien tmin ġimgħat li jseġwu d-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti.

3. Meta l-ispiża attwalment minfuqha minn Stat membru matul sena finanzjarja partikolari teċċedi l-ammonti notifikati permezz tal-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 55(1) jew l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ammont li jeċċedi fuq l-ispiża fis-sena finanzjarja kurrenti għandu jkun meqjus fuq bażi pro rata, sal-limitu ta' l-appropprazzjonijiet li jkun fadal disponibbli wara l-ħlas lura lill-Istati Membri l-oħrajn tal-ispiża involuta.

4. Meta l-ispiża attwalment minfuqha minn Stat membru matul sena finanzjarja partikolari tkun anqas minn 75 % ta' l-ammonti referuti fil-paragrafu 1, l-ispiża li għandha tkun rikonoxxuta għas-sena finanzjarja segwenti għandha tkun imnaqqsa b'terz tad-differenzi ta' bejn dan l-ammont, jew l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 jekk dawn ikunu anqas minnu, u l-ispiża attwali involuta matul is-sena fiuanzjarja ikkonċernata.

Dan it-tnaqqis m'għandux ikun meqjus meta tkun stabbiliti l-ispiża attwali fis-sena finansjarja segwenti li fiha t-tnaqqis ikun seħħ.

Artikolu 58

L-Artikoli 55, 56 u 58 ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu applikabbli għall-ispiża nvoluta permezz ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999.

Artikolu 59

Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-evalwazzjonijiet fl-Istati membri permezz ta' l-Artikolu 49(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 meta tali evalwazzjonijiet attwalment jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni fil-livell tal-Komunità bis-saħħa tal-iskop tagħhom, partikolarment permezz tat-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet ta' l-evalwazzjoni komuni u tal-kwalità tagħhom.

Il-kontrobuzzjoni tal-Komunità m'għandiex teċċedi 50 % tal-massimu li, apparti minn f'każi ġustifikati, għamndu jkun 1 % tal-ispiża totali tal-programm tal-iżvilupp rurali.

Artikolu 60

1. Il-benefiċjarji tal-miżuri ta' l-appoġġ tal-investiment permezz tal-Kapitoli I, VII, VIII u IX tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jistgħu jitolbu l-pagament ta' avvanz minn għand l-aġenziji kompetenti tal-pagament jew din l-għażla tkun inkluża fid-dokument tal-programmizzar. F'dak li jirrigwardja l-benefiċjarji pubbliċi, dan l-avvanz jista jkun mogħti biss lill-muniċipalitajiet u l-għaqdiet tagħhom u lill-korpi legali pubbliċi.

2. L-ammont ta' l-avvanz m'għanbdux jeċċedi 20 % tal-ispiża totatli tal-investiment, u l-pagament tiegħu għandu jkun suġġett għall-istabbeliment ta' garanzija bankarja jew garanżija ekwivalenti li tikkorrespondi għall 110 % ta' l-ammont avvanzat.

B'dana kollu, fil-każ tal-benefiċjarju pubbliċi referuti fil-paragrafu 1, l-aġenzija tal-pagamenti tista' taċċetta garanzija bil-miktub minn għand l-awtorità tagħhom, bi qbil mad-dispożizzjonijiet applikati fl-Istat Membru, li tkopri ammont egwali għall-persentaġġ speċifikat fl-ewwel subparagrafu, basta li dik l-awtorità tintrabat li tħallas l-ammont kopert

▼B

bil-garanzija tagħha jekk l-intitolament għall-avvanz imħallas ma jkunx stabbilit.

3. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata la darba l-aġenzija kompetenti tinnota li l-ammont tal-ispiża reali li tirriżulta mill-investiment tkun teċċedi l-ammont ta' l-avvanz.

4. L-aġenziji tal-pagament jistgħu jiddikjaraw lejn is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-FAEGG l-ammont li jikkorrespondi mall-finanzjament-parzjali tal-Komunità:

(a) ta' l-avvanz imħallas;

(b) tal-ispiża attwali sussegwentament imħallsa lill-benefiċjarji, imnaqqas minnha l-ammont ta' l-avvanz diġa imħallas.

SEZZJONI 5

Monitoraġġ u evalwazzjoni

Artikolu 61

1. Ir-rapporti annwali dwar il-progress li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkun ippreżentat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena u għandu jirrigwardja s-sena kalendarja preċedenti.

Ir-rapport dwar il-progress għandhom jinkludu din l-informazzjoni li ġejja:

(a) xi tibdiliet fil-kondizzjoni ġenerali li huma ta' relevanza għall-implementazzjoni tal-miżura, u partikolarment xi tendenzi soċjo-ekonomiċi maġġuri jew tibdiliet fl-istrateġiji nazzjonali, reġjonali jew settorjali.

(b) il-progress tal-miżuri u tal-prioritajiet b'relazzjoni ma' l-għanijiet operazzjonali u speċifiċi tagħhom, espressi bl-użu ta' l-indikaturi kwantitattivi;

(ċ) l-azzjoni meħuda mill-awtorità amministrattiva u mill-Kumitat tal-Monitoraġġ, jekk tkun saret dispożizzjoni għal tali kunitat, sabiex tkun assigurata l-implementazzjoni ta' kwalità għolja u effettiva, u partikolarment:

(i) il-miżuri tal-monitoraġġ, tal-kontroll finanzjarju u tal-evalwazzjoni, inklużi l-roċeduri tal-ġbir tad-dettalji;

(ii) sommarju tal-problemi ewlenija li jinstabu fl-amministrazzjoni tal-miżuri u ta' xi passi meħuda;

(d) il-miżuri għandhom jassiguraw kompattibbiltà mal-istrateġiji tal-Komunità.

2. L-indikaturi referuti fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom isegwu, sa kemm ikun possibbli, l-indikaturi komuni definiti fil-linji ta' gwida imħejjija mill-Kummissjoni. Meta indikaturi addizzjonali jkunu meħtieġa sabiex b'mod effettiv jimmonitorjaw il-progress lejn l-għanijiet fid-dokumenti tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali, dawn għandhom ikunu nklużi.

Artikolu 62

1. L-evalwazzjonijiet għandhom ikunu mwettqa minn evalwaturi independenti bi qbil mal-prattika rikonoxxuta.

2. L-evalwazzjonijiet għandhom jipprovdu tweġibiet, partikolarment għall-kwistjoni komuni tal-evalwazzjoni definiti mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u għandhom, bħala regola ġenerali, jkunu akkumpanjati bi kriterja u indikaturi relatati ma' l-imġieba.

▼B

3. L-awtorità responsabbli għall-amministrazzjoni tad-dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali għandha tiġbor flimkien ir-riżorsi xierqa għall-evalwazzjonijiet, billi tagħmel użu mir-riżultati tal-monitoraġġ u tiġbor informazzjoni addizzjonali meta dan ikun meħtieġ.

Artikolu 63

1. Evalwazzjoni ex anti għandha tanalizza id-differenzi, in-nuqqasijiet u l-potenzali tas-sitwazzjoni kurrenti, tassessja l-konsistenza tal-istrateġija proponuta mas-sitwazzjoni u l-miri u tikkonsidra l-kwistjonijiet imqajjma fil-mistoqsijiet komuni tal-evalwazzjoni. Hija għandha tassessja l-impatt mistenni tal-prioritajiet magħżula għall-azzjoni u tikkwantifika il-miri tagħhom, meta dan ikun possibbli. Għandha wkoll tivverifika l-arranġamenti proponuti għall-implementazzjoni u għall-konsistenza mal-istrateġija agrikola komuni u ma' strateġiji oħrajn.

2. Evalwazzjoni ex anti għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet li jippreparaw il-pjan tal-iżvilupp rurali u għandhom ikunu jiffurmaw parti minnu.

Artikolu 64

1. L-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu u ex post għandha titratta mal-kwistjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mid-dokument tal-programmizzat tal-iżvilupp rurali ikkonċernat u mal-kwistjonijiet tal-evalwazzjoni komuni fil-livell tal-Komunità. Għandhom ikunu relatati mal-kondizzjonijiet u l-istrutturi tal-ħajja tal-popolazzjoni rurali, mal-impieg u l-qligħ mill-irziezet u l-attivitajiet il-barra mill-irżiezet, l-istrutturi agrikoli, l-aspetti agrikoli essenzjali, il-kwalità, il-kompettività, ir-riżorsi tal-foresti u ma' l-ambjent.

Jekk kwistjoni komuni tal-evalwazzjoni ma tkunx meqjusa bħala relevanti għal dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali partikolari, dan għandu jkun mistqarr.

2. L-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu għandha titratta mal-kwistjonijiet tal-evalwazzjoni u għandha teżamina, partikolarment, l-akkwisti inizjali, ir-relevanza tagħhom ma', u l-konsistenza taggħom mad-dokument tal-programizzar tal-iżvilupp rurali u sal-limitu li dawn il-miri jkunu intlaħqu. Għandha wkoll tassessja l-użu magħmul mir-riżorsi finanzjarji u l-operat tal-monitoraġġ u tal-implementazzjoni.

Ewalvazzjoni ex post għandha twieġeb għall-kwistjonijiet tal-evalwazzjoni, billi tagħti attenzjoni partikolari għall-użu magħmul mir-riżorsi u l-effettività u l-effiċjenza ta' l-għajnuna u ta' l-impatt tagħha u għandha tħejji l-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-istrateġija tal-iżvilupp rurali, inkluża l-kontribuzzjoni tagħha għall-istrateġija agrikola komuni.

3. L-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu u ex post għandha tkun imwettqa b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni skond ir-responsabbiltà ta' l-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali.

4. Il-kwalità ta' l-evalwazzjonijiet individwali għandha tkun assessjata bl-użu ta' metodi rikonoxxuti mill-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tad-dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali, mill-Kumitat tal-Monitoraġġ, jekk ikun hemm, u mill-Kummissjoni. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 65

1. Rapport tal-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu għandu jkun trasmess lill-kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003. L-awtorità responsabbli għall-amministrazzjoni tad-dokument tal-programmizzar tal-iżvilupp rurali għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-aġġornament tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprepara sommarju fuq il-livell tal-Komunità mal-wasla

▼B

tar-rapporti individwali tal-evalwazzjoni, Meta meħtieġ, aġġornament ta' l-evalwazzjoni ta' nofs il-perijodu għandu jkun komplut sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Rapport tal-evalwazzjoni ex post għandu jkun trasmess lejn il-Kummissjoni mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tal-perijodu tal-programmizzar. Fi żmien tlett snin mit-tmiem tal-perijodu tal-programmizzar u mal-wasla tar-rapporti individwali tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tipprepara sommarju fuq il-livell tal-Komunità.

3. Ir-rapporti tal-evalwazzjoni għandhom jispjegaw il-metodi użati, inklużi l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-kwalità ta' l-informazzjoni u tas-sejbiet. Ir-rapporti għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-kuntest u tal-kontenuti tal-programm, l-informazzjoni finanzjarja u t-tweġibiet - inklużi l-indikaturi użati - għall-kwistjonijiet komuni tal-evalwazzjoni u l-kwistjonijiet tal-evalwazzjoni definiti fil-livell nazzjonali jew reġjonali, kif ukoll il-konklużjonijiet u r-rakkommandazzjonijiet. L-istruttura tagħhom għandha sseġwi, sa kemm ikun possibbli, struttura komuni għar-rapporti tal-evalwazzjoni definita fil-linji ta' gwida imħejjija mill-Kuimmissjoni.

SEZZJONI 6

Applikazzjonijiet, verifiki u penali

Artikolu 66

1. L-applikazzjonijiet għall-appoġġ ta' iżvilupp rurali għaż-żoni jew għall-annimali li jkunu ippreżentati separatament mill-applikazzjonijiet għall-għajnuna permezz ta' L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001 għandhom jindikaw iż-żoni kollha u l-annimali fl-oqsma, li huma relevanti għall-verifika ta' l-applikazzjonijiet skond il-miżura f'dak il-każ, inklużi dawk li dwarhom l-ebda appoġġ ma jkun ġie mitlub.

2. Meta miżura għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali tkun tirrigwardja liż-żoni, il-medded ta' art għandhom ikunu identifikati individwalment. Matul il-perijodu kopert bl-impenn, il-medded ta' l-art li jirċievu appoġġ ma jistgħux ikunu mibdula apparti milli f'każi speċifiċi li hemm provvediment dwarhom fid-dokument tal-programmizzar.

3. Meta applikazzjoni għall-pagament tkun inkluża ma' applikazzjoni għall-pagament taż-żona fil-kuntest ta' l-amministrazzjoni integrata u tas-sistema tal-kontroll, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-medded ta' l-art koperti bl-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali għandhom ikunu iddikjarati separatament.

4. L-annimali u l-medded ta' l-art għandhom ikunu identifikati bi qbil ma' l-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament (KEE) Nru 1782/2003.

5. Meta appoġġ ikunu multi-annwali, il-pagamenti sussegwenti għal dak magħmul fis-sena li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentatha għandhom isiru b'reazzjoni ta' applikazzjoni annwali għall-pagament, apparti minn meta l-Istat Membru jkun introduċa proċedura effettiva ta'verifika annwali kif referut fl-Artikolu 66(1).

Artikolu 67

1. Applikazzjonijiet inizjali għas-sħubija fi skema u l-applikazzjonijiet sussegwenti għall-pagament għandhom ikunu verifikati f'manjera li tassigura verifika effettiva tal-konformità mal-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-appoġġ.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu metodu xierqa u meżżi għall-verifika ta' kull miżura ta' appoġġ kif ukoll il-persuni li jkunu suġġetti għall-verifiki.

▼B

Fil-każi xierqa kollha, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-amministrazzjoni ntegrata u s-sitema ta' kontroll stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

2. Il-verifiki għandhom jikkonsistu kemm minn verifiki amministrattiv u wkoll fuq il-post.

Artikolu 68

Verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrenti u għandhom jinkludu trans-verifiki kull meta xieraq bi, inter alia, dettalji minn amministrazzjoni integrata u sistemi ta' kontroll. Dawn għandhom jirrigwardjaw il-medded ta' art u l-qobla koperti bil-miżura ta' l-appoġġ sabiex ikunu evitati xi pagamenti mhux ġustifikati ta' għajuna. Konformità ma impenji f'terminu fit-tul għandha tkun verifikata.

Artikolu 69

Verifiki fuq il-post għandhom jitwettqi bi qbil mat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001. Dawn għandhom ikopru ta' kull sena mill-anqas 5 % tal-benefiċjarji u tat-tipi differenti kollha tal-miżuri tal-iżvilupp rurali stabbiliti fid-dokument tal-programmizzar. F'dak li jirrigwardja il-miżura "irtirar kmieni" referuta fil-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u tal-miżura "afforestazzjoni ta' art agrikola" referuta fl-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament, din ir-rata tista' tkun imnaqqsa l-isfel għal 25 % sa mis-sitt sena l-quddiem ta' l-appoġġ għal dawn il-miżuri.

Il-verifiki fuq il-post għandhom ikunu mferxa matul is-sena fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji ippreżentati għal kull miżura tal-iżvilupp rurali. Għall-miżuri ta' l-appoġġ għall-investiment permezz tal-Kapitoli I, VII, VIII u XI tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, l-Istati membri jistgħu jipprovdu li l-verifiki fuq il-post ikunu jikkonċernaw biss dawk il-proġetti bil-proċess tal-finalizzazzjoni.

Il-verifiki għandhom ikopru l-impenji u l-obbligi kollha ta' benefiċjarju li jistgħu ikunu verifikati fil-waqt taż-żjara.

Artikolu 70

L-Artikolu 31 u 31 u l-Artikolu 31)1) tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001 għandhom ikunu applikabbli għall-pagamenti taż-żona. Dawk id-dispożizzjonijiet m'għandhomx ikunu applikabbli għall-appoġġ permezz tal-miżuri ta' l-afforestazzjoni apparti milli l-afforestazzjoni ta' art agrikola.

L-Artikoli 36, 38 u 49 ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli għall-appoġġ ibbażat fuq il-qobla.

Artikolu 71

1. L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001 għandu jkun applikabbli għall-appoġġ mogħti għall-miżuri kolla tal-iżvilupp rurali.

2. Fil-każ ta' pagament mhux mistħoqq, il-benefiċjarji fil-miżura tal-iżvilupp rurali għandu jkun taħt obbligu li jħallas lura l-ammont ikkonċernat bi qbil ma' l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 2419/2001.

Artikolu 72

1. Xi benefiċjarju li jinstab li jkun għamel dikjarazzjoni falza bħala riżultat ta' negliġenza serja għandu jkun eskluż mill-miżuri kollha tal-iżvilupp rurali skond il-kapitolu relevati tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għas-sena kalendarja f'dak il-każ.

▼B

Meta dikjarazzjoni falza tkun saret b'mod intenzjonali, il-benefiċjarju għandu jkun eskluż ukoll mis-sena segwenti.

2. Il-penali li hemm provvedimnt dwarhom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu applikabbli mingħajr preġudizzju għal penali addizzjonali li hemm provvediment dwarhom fil-liġijiet nazzjonali.

Artikolu 73

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxi r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li dawn ikunu mplementati. Il-penali li hemm provvediment dwarhom għandhom ikunu effettivi, propozjonati u disswassivi.

Il-KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 74

1. Ir-Regolament (KE) Nru 445/2002 huwa hawnhekk imħassar.

L-Artikolu 65(2) tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 għandu jibqa' jkun applikabbli.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 75

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

L-Artikolu 46 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

(L-Artikolu 14)

Speċi eliġibbli ta' l-annimali tal-irziezet	Il-għatbiet li fil-limitu tagħhom razza lokali hija meqjusa bħala li tkun fil-periklu li tkun mitlufa mit-trobbija (numru ta' femminili tat-trobbija (*))
Baqar (qobla)	7 500
Nagħaġ	10 000
Mogħoż	10 000
Ekwidi	5 000
Majjali	15 000
Avjani (għasafar)	25 000

(*) In-numru, ikkalkolat għall-Istati Membri kollha tal-KE, ta' femminili tat-trobbija li huma ta' l-istess razza disponibbli għar-riproduzzjoni tar-razza pura, inklużi f'reġistru rikonoxxut mill-Istat Membru (e.g. reġistru tal-merħla jew reġistru żoloġiku).

▼B

L-ANNESS II

PJANI TA' ŻVILUPP RURALI

1. **It-Titoli tal-pjan tal-iżvilupp rurali**

2. **L-Istat Membru u r-reġjun amministrattiv (jekk relevanti)**

3.1. *Iż-żona ġeografika koperta b'dan il-pjan*

L-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

3.2. *Ir-Reġjuni flassifikati bħal Objettivi i u 2*

L-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

Identifikazzjoni:

— Reġjini ta' l-Objettiv I u Reġjoni ta' l-Objerttiv 1 fi transizzjoni. Din hija applikabbli biss għall-miżuri akkumpanjatriċi (irtirat kmieni, allokazzjonijiet kompensatorji, agri-ambjent u afforestazzjoni ta' l-art agrikola permezz ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999),

— Reġjinu ta' l-Objettiv 2. Din hija applikabbli għal:

1. Miżuri akkompanjatriċi;

2. Miżuri oħrajn li ma jiffirmawx parti mill-programmizzar tal-Objettiv 2.

4. **Ippjanar fil-livell ġeografiku relevanti**

L-Artikolu 41)2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

Meta eċċezzjonalment, aktar minn pjan wieħed tal-iżvilupp rurali jkun applikabbli fir-reġjun, indika:

— Il-pjani relevanti kollha,

— Il-għala ma jkunx possibbli lijkunu integrati l-miżuri fi pjan wieħed,

— Ir-relazzjoni bejn il-miżuri fil-pjani differenti u d-dettalji dwar il-komparttibbiltà u l-konsistenza bejn il-pjanti sejri tkun assigurata.

5. **Deskrizzjoni kwantitattiva tas-sitwazzjoni kurrenti**

L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1995

1. *Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti*

Id-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti taż-żona ġeografika bl-użu ta' informazzjoni kwantitattiva, li taċċenna s-saħħa, id-differenzi, in-nuqqasijiet u l-potenzal għall-iżvilupp rurali. Din id-deskrizzjoni għandha tikkonċerna kemm l-agrikoltura u wkoll il-foresterija (inkluż it-tip u l-medda tal-intoppi li jaffettwaw ix-xogħol tar-raba f'żoni anqas favoriti), l-ekonomija rurali, is-sitwazzjoni demografika, ir-riżorsi umani, l-impieg u l-istat ta' l-ambjent.

2. *L-impatt mill-perijodu preċedenti tal-programmizzar.*

Iddeskrivi l-impatt tar-riżorsi iffinanzjati mill-FAEGG allokati għall-iżvilupp rurali matul il-periodu preċedenti tal-programmizzar u skont il-miżuri akkompanjattriċi sa mill-1992. Ippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni.

3. *Informazzjoni oħra*

Meta relevanti, iddeskrivi wkoll xi miżuru supplementarji b'żieda mal-miżuri akkompanjatriċi tal-Komunità u tal-iżvilupp li kellhom impatt fuq il-programmizzar taż-żona ikkonċernata.

▼B

6. **Deskrizzjoni tal-istrateġija proponuta, l-objettivi kwantifikati tagħha, il-prijoritajiet ta' żvilupp rurali mgħażula, u ż-żona ġeografika koperta,**

It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

1. *l-istrateġija proponuta, l-għanijiet kwantifikati u l-prijoitajiet magħżula.*

Fid-dawl tal-qawwiet, varjazzjonijiet, in-nuqqasijiet u l-potenzal tal-iżvilupp identifikati fiż-żona ikkonċernata, iddeskrivi partikolarment:

— Il-prioritajiet għall-azzjoni,

— l-istrateġija xierqa għall-akkwist ta' dawk l-għanijiet,

— l-għanijiet operazzjonali u l-impatt mistenni, ikkwantifikati meta possibbli, ukoll f'termini kemm tal-monitoraġġ u ta' l-estimi li jistgħu ikunu wżati għall-iskopijiet tal-evalwazzjoni,

— Il-limitu li fih l-istrateġija tkun tqis il-fatturi speċifiċi taż-żona ikkonċernata,

— Kif ir-resqien integrat ikun ġie applikat,

— Il-limitu li fih l-istrateġija tipprovdi għall-involviment tan-nisa u l-irġiel,

— Il-limitu li fih l-istrateġija tqis l-obbligi internazzjonali relevanti kollha kemm tal-Komunità u dawk nazzjonali fil-qasam ta' l-ambjent, inklużi dawk relatati ma żvilupp sostenibbli, partikolarment il-kwaliotà u l-użu ta' l-ilma, il-konservazzjoni tal-biodiversità inkluża l-konservazzjoni ta' fuq l-oqsma tal-varjetajiet ta' l-uċuh, u ż-żieda fis-sħana globali.

2. *Id-deskrizzjoni u l-effetti ta' miżuri oħrajn*

Meta relevanti, id-deskrizzjoni għandha wkoll tinkluidi dawk il-miżuri meħudha il-barra mill-pjan tal-iżvipuu rurali (miżuri oħrajn tal-Komunità jew il-miżuri nazzjonali, bħalma huma r-regoli kompulsatorji, il-kodiċi tal-prattika u l-miżuri mgħejjuna mill-Istat) u sa liema limitu dawn il-miżuri jkunu jilħqu l-ħtiġijiet identifikati.

3. *Żoni koperti b'miżuri territorjali speċifiċi*

Iddeskrivi l-koperta ġeografika ta' xi miżura definita fil-punt 8 li ma tkun applikabbli matul ir-reġjun kollu indikat fil-punt 3.

Partikolarment, inkludi:

— Lista ta' żoni anqas favoriti adottata għaż-żona ikkonċernata,

— Xi emendi għal-lista taż-żoni anqas favoriti, billi tagħti r-raġunijiet (l-Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999),

— iż-żoni b'restrizzjonijiet ambjentali, u tagħti r-raġunijiet.

4. *Tabella taż-żmien u l-azzjoni*

It-tabella taż-żmien proponuta għall-implementazzjoni tad-diversi miżuri, l-azzjoni mistennija u t-tul ta' żmien (ara wkoll il-punt 8).

7. **Evalwazzjoni li turi l-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni**

It-tielet inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

Deskrizzjoni dettaljata bi qbil ma' l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

8. **Tabella finanzjarja blobali indikattiva (is-sena finanzjarja FAEGG)**

L-Artikolu 43(1), ir-raba' inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

▼B

Financial programming table: rural development programmes (EUR million)

	Sena 1			… Sena 7			TOTAL		
	Nefqa pubblika (1)	Kontribuzzjoni KE (2)	Kontribuzzjoni missettur privat (3)	Nefqa pubblika (1)	Kontribuzzjoni KE (2)	Kontribuzzjoni missettur privat (3)	Nefqa pubblika (1)	Kontribuzzjoni KE (2)	Kontribuzzjoni missettur privat (3)
Priorità A									
Miżura A1 (e.g. l-agri-ambjent u l-benessere ta' l-annimali)									
Li minnhom il-miżuri approvati skond ir-Regolament (KEE) Nru 2078/1992)									
Miżura A2 …									
… Miżura An									
Total A									
Priorità B									
Miżura B1 (e.g. l-irtirar kmieni)									
Li minnhom il-miżuri approvati skond ir-Regolament (KEE) Nru 2079/1992)									
Miżura B2 …									
… Miżura Bn									
Total B									
Priorità N									
Miżura N1 (e.g. l-afforestazzjoni)									
Li minnhom il-miżuri approvati skond ir-Regolament (KEE) Nru 2080/1992)									
Miżura N2 …									
… Miżura Nn									
Total N									
Miżuri ohrajn									
Evalwazjoni									
Miżuri preċedenti sa mill-1992									
Miżuri transitorji (4)									
Total ta' miżuri ohrajn									
Total tan-nefqa nvoluta (D)									
Total tal-pjan (P) (5)									
Sotto-utilizzazzjoni (P-D)									
Sopra-utilizzazzjoni (D-P)									

(1) Kolonna ntiża għal nefqa ippjanata (pubblika), ipprovduta bhala gwida.

(2) Kolonna għall-kontribuzzjoni tal-Komunità ippjanata għal kull miżura. Il-Komunità - Li tikkontribwixxi fir-rigward tal-ispiża li għandha tkun imħallsa, hija ikkalkolata bl-użu tar-rati u l-arranġamenti stabbiliti fil-programm għal kull miżura. Il-Komunità - Il-kontribuzzjoni tista' tkun ikkalkolata b'relazzjoni mal-ispiża pubblika eliġibbli (il-kolonna2/il-kolonna 1) jew it-total tan-nefqa eliġibbli (il-kolonna 2/(il-kolonna 1 + il-kolonna 3))

(3) Kolonna ntiża għal nefqa ippjanata (is-settur privat), ipprovduta bhala gwida meta tali kontribuzzjoni hija prevista għal dik il-miżura.

(4) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2603/1999. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxun il-kriterja. Jidentifikaw kjarament l-ispiża li għandha tkun inkluża fil-programizzar.

(5) Ikkalkolata fuq il-bażi tat-tabella finanzjarja annessa mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova id-dokument tal-programizzar kif l-aħħar emendat.

L-APPLIKAZZJONI TA' L-APPROPPRAZZJONIJIET LI JIRRIŻULTAW MILL-MODULAZZJONI

	Sena 1		Sena 2		… Sena 7		Total	
	Spiża pubblika	**Kontribuzzjoni KE**	**Spiża pubblika**	**Kontribuzzjoni KE**	**Spiża pubblika**	**Kontribuzzjoni KE**	**Spiża pubblika**	**Kontribuzzjoni KE**
Irtirar kmieni								
L-agri-ambjent u l-benessere ta' l-annimali								
Afforestazzjoni								
Oqsma anqas iffavoriti								
Total tal-modulazzjoni								

Nota:

Meta l-miżura tkun miktuba b'mod simultanju permezz ta' aktar minn prijorità waħda, l-Istat Membru għandu jipprovdi, għall-iskopijiet ta' l-amministrazzjoni finanazjarja, tabella addizzjonali li tikkonsolida l-ispiża kollha relatata ma' dik il-miżura. Din it-tabella addizzjonali għandha ssegwi l-istruttura tat-tabell ta' hawn fuq u timxi ma l-ordni tal-lista ta' hawn taħt. L-istess dwar l-Istati Membri bit-tabella finanzjarja konsolidta.
It-tabella finanzjarja konsolidata referuta fl-Artikolu 48(1) ta' dan ir-Regolament għandha ssegwi l-istruttura tat-tabella ta' hawn fuq u timxi ma' l-ordni tal-lista ta' hawn taħt.

— Il-miżuri differenti huma definiti kif ġej:
  (a) l-investiment fl-irziezet;
  (b) l-għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ;
  (c) it-tahriġ
  (d) l-irtirar kmieni;
  (e) iż-żoni anqas favoriti u ż-żoni b'restrizjonijiet ambjentali;
  (f) l-agri-ambjent u l-benessere ta' l-annimali;
  (g) it-titjib fl-ipproċessar u fil-*marketing* tal-prodotti agrikoli;
  (h) l-afforestazzjoni ta' art agrikola;
  (i) miżuri oħrajn ta' l-afforestazzjoni;
  (j) it-titjiet ta' l-art agrikola;
  (k) it-tqassim mill-ġdid ta' l-art agrikola;
  (l) l-istabbilizzar tas-servizzi konsultattivi għall-irziezet, is-serbizzi ta' l-għajnuna lill-irziezet u s-servizzi ta' amministrazzjoni għall-irziezet;
  (m) il-*marketing* ta' prodotti agrikoli ta' kwalità, inklużi l-istabbilizzar ta' skemi ta' kwalità;
  (n) is-servizzi bażiċi għall-ekonomija rurali u għall-popolazzjoni;
  (o) ir-rinovament u l-iżvilupp ta' rħula u l-ħarsien u l-konservazzjoni tal-wirt rurali;
  (p) id-diversifikazzjoni ta' l-attivitajiet agrikoli u l-attivitajiet li jkunu qrib ta' l-agrikoltura sabiex jipprovdu attivitajiet multipli jew dħul alternattiv;
  (q) l-amministrazzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma agrikolu;
  (r) l-iżvilupp u t-titjib ta' l-infrastruttura marbuta mal-iżvilupp agrikolu;
  (s) l-inkuraġġiment ta' l-attivitajiet turistiċi u tas-snajja';
  (t) il-protezzjoni ta' l-ambjent b'konnessjoni mal-amministrazzjoni agrikola, il-foresterija u l-pajsaġġ u t-titjib fil-benessere ta' l-annimali;
  (u) ir-restawr tal-potenzal tal-produzjoni agrikola li tkun sofriet ħsara minnħabba disastri naturali u l-introduzzjoni ta' strumenti xierqa ta' prevenzjoni;
  (v) l-inġinerija finanzjarja;
  (w) l-amministrazzjoni ta' strateġiji dwar l-iżvilupp integrat rurali mis-siehba lokali;
  (x) l-implementazzjoni ta' normi stringenti;
  (y) l-użu tas-servizzi konsultattivi għall-biedja;
  (z) il-parteċipazzjoni fl-iskemi tal-kwalità ta' l-ikel;
  (aa) l-inkurraġġiment ta' prodotti ta' kwalità.
— Il-miżuri (j) sa (w) jistgħu ikunu definiti bħala miżura waħda: (j) l-inkurraġġiment ta' l-adattazzjoni u l-iżvilupp ta' żoni rurali.
— Ir-riżorsi tas-Sezzjoni ta' Garanzija tal-FAEGG għall-miżuri għall-inkurraġiment ta' l-adattazzjoni u l-iżvilupp ta' żoni rurali (l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999) Fl-Objettiv 2 żoni (rurali): EUR ..... milljun (% tat-total ta' l-Artikolu 33)."

▼B

9. **Deskrizzjoni tal-miżuri iddisinjati għall-implementazzjoni tal-pjanijiet**

Il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

Għal kull punt ta' hawn taħt, ipprovdi:

a. il-fatturi ewlenija tal-miżuri ta' appoġġ,

b. informazzjoni oħra.

1. *Ħtiġijiet ġenerali*

A. Il-fatturi ewlenija tal-miżuri ta' appoġġ:

— Lista ta' miżuri fl-ordni kif ippreżentati fir-Regolament (KE) Nru 1257/1999,

— Identifika l-Artikolu speċifiku (u l-paragrafu) li jkopri kull miżura tal-pagament tal-iżvilupp rurali. Meta tnejn jew aktar atikoli jkunu ċitati, il-miżura tal-pagament għandha tkun diviża fil-partijiet kostitwenti tagħha.

— l-għan globali ta' kull miżura.

B. Informazzjoni oħra:

Xejn

2. *Ħtiġijiet li jikkonċernaw il-miżuri kollha jew bosta minnhom (1).*

A. Fatturi ewlenija:

— l-eċċezzjonijiet referuti fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 37(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

B. Informazzjoni oħra:

— Il-kontribuzzjoni tal-Komunità ibbażata jew fuq l-ispiża totali jew fuq l-ispiża pubblika,

— l-intensità ta' l-għajnuna u/jew l-ammont tad-differenzazzjoni applikata (il-Kaptoli I sa VIII),

— Dettalji tal-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà,

— Kriterja li turi l-vijabbiltà ekonomika (il-Kapitoli I, II, IV u VII),

— Il-prattika normali ta' biedja tajba (il-Kapitoli V u VI).

— In-normi minimi li jirrigwardjaw l-ambkent, l-iġjene u l-benessere ta' l-annimali (il-Kapitoli I,.II u VII),

— Il-livell tal-kapaċità okkupazzjonali u l-kompetenza meħtieġa (il-Kapitoli I, II u IV),

— Studju suffiċjenti tal-eżistenza tal-isfog normali tas-suq għall-prodotti ikkonċernati (il-Kapitoli I u VII) bi qbil ma l-Artikoli 6 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999,

— Deskrizzjoni tal-kuntratti kurrenti kollha (mill-perijodu preċedenti), inklużi t-termini finanzjarji, u l-proċeduri/regoli li japplikawrhom

3. *Informazzjoni meħtieġa għal miżuri speċifiċi*

B'żieda, l-informazzjoni speċifika li ġejja hija meħtieġa għall-miżuri skond il-kapitoli individwali:

I. Investimenti f'oqsma agrikoli,

A. Fatturi ewlenija:

— Setturi tal-produzzjoni primarja u t-tipi ta' l-investimenti.

B. Informazzjoni oħra:

— Il-limiti massimi dwar l-ammont totali tal-investiment eliġibbli għall-appoġġ.

— Tipi ta' appoġġ,

— Id-designazzjoni tan-normi li dwarhom perijodu ta' grazzja jista jkun mogħti lill-bidwi bi qbil ma l-Artikolu 5(3(tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-ġustifikazzjoni rela-

▼B

tata mal-problemi speċifiċi li jinvolvu l-konformità ma' dawk in-normi u t-tul ta' żmien massimu tal-perijodu għal kull norma ikkonċernata.

II. Għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ

A. Fatturi ewlenija:

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— It-tul ta' żmien allokat għall-bdiewa żgħażagħ sabiex iwettqu l-kriterja tal-eliġibbiltà fil-pertijodu ta' ħames snin awtorizzat permezz ta' l-Artikoli 4(2) ta' dan ir-Regolament,

— Limitu ta' l-età,

— Il-kondizzjonijiet applikabbli għall-bdiewa żgħażagħ li ma jkunux stabbiliti bħala l-uniku prinċipal tal-qasam jew li jibdew bħala membri ta' għaqda jew koperattivi li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jamministraw qasam agrikolu.

— It-tip ta' l-appoġġ tal-bidu,

— Id-denominazzjonijiet tas-servizzi konsultattivi tal-biedja marbuta mal-bidu tal-bdiewa żgħażagħ fil-każi neta l-appoġġ mogħti ikun aktar minn dak li hemm provvedi-ment dwaru fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

III. Taħriġ

A. Fatturi ewlenija:

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— Il-miżuri eliġibbli u l-benefiċjarji.

— Assigurazzjoni li l-ebda sistema jew programmi ta' l-edukazzjoni normali ma huma proponuti għall-finanzja-ment.

IV. Irtirar kmieni

A. Fatturi ewlenija:

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— Deskrizzjoni dettaljata tal-kondizzjonijiet li jikkonċernaw lil min jitrasferixxi, li min jakkwista t-trasferiment, il-ħaddiema u l-art rilaxxata, partikolarment l-użu ta' l-art li għandha tkun miżmuma minn dak li jitrasferixxi għal skopijiet mhux kummerċjali u t-tul ta' żmien allokat għat-titjib tal-vijabbiltà,

— It-tip ta' għajnuna, inkluża deskrizzjoni tal-metodu użat għall-kalkolu ta' l-ammont massimu li għandu jkun parz-jalment finanzjat għal kull qasam u ġustifikazzjoni għal kull tip ta' benefiċjarju,

— Deskrizzjoni tal-iskemi nazzjonali tal-irtirar u tal-irtirar kmieni,

— Dettalji dwar it-tul ta' żmien ta' l-għajnuna.

V. Żoni anqas iffavoriti u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali

A. Fatturi ewlenija:

— l-ammont ta' l-għajnuna:

1. Għall-allokazzjonijiet kompensatorji permezz ta' l-Artikolu 13(a) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999: Il-proposti li jeċċedu l-ammont massimu li jista' jkun parzjalment finanzjat bi qbil mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/199

▼B

għandhom jinkludu l-ġustifikazzjoni meħtieġa. Għandek tispeċifika kif sejjer ikun assigurat li jkun hemm konformità li l-limitu l-għoli għall-allokazzjonijiet kompensatorji f'dawn il-każi, u spjega il-proċedura amministrattiva li permezz tagħha l-konformità ma' l-ammomnt massimu li jista' jkun parzjalment finanzjat għandha tkun assigurata; meta l-pagament massimu kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 ikun applikat, indika ċ-ċirkostanzi obbjettivi li jiġġustifikaw din l-applikazzjoni;

2. Għall-allokazzjonijiet kompensatorji permezz ta' l-Artikoli 13(b) u 16 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999: Il-kalkoli agronomiċi dettaljati inizjali li juru: (a) il-qligħ mitluf u l-ispejjeż involuti bħala riżultat tar-restrizzjonijiet ambjentali,(b) is-supposizzjonijiet agronomiċi użati bħala punt ta' referenza;

3. Għall-allokazzjonijiet kompensatorji kif referuti ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999:

— Indika, jekk meħtieġ, il-problemi speċifiċi li jiġġustifikaw sostenn għola mill-ammont massimu, kif hemm provvediment dwar dan fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1693) tar-Regolament ta' hawn fuq,

— Indika, jekk meħtieġ, il-ġustifikazzjoni għal sostenn inizjali aktar għoli kif hemm provvediment dwar dan fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1693) tar-Regolament ta' hawn fuq.

B. Informazzjoni oħra:

— Dettalji tal-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà, partikolarment:

1. Id-definizzjoni taż-żona minima;

2. Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tal-konverżjoni xierqa użat fil-każ ta' mergħat komuni;

3. l-ammont ta' għajnuna għal pagamenti referuti fl-Artikolu 13(a) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999: Il-ġustifikazzjoni tad-differenzazzjoni ta' l-ammont ta' għajnuna li jutilizza l-kriterja stabbilita fl-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament;

4. Għall-allokazzjonijiet kompensatorji referuti fl-Artikolu 13(b) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999: It-tibdiliet tal-kalkoli agronomiċi dettaljati kif stabbiliti fid-dokument tal-programmizzar hekk kif approvat;

— l-emendi għal-listi taż-żoni anqas favoriti adottati jew emendati bid-Direttivi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u l-listi taż-żoni b'restrizzjonijiet ambjentali.

VI. Konverġenża tan-normi

VI.1. *L-impementazzjoni tan-normi mitluba*

A. Fatturi ewlenija:

— Il-lista tan-normi ibbażata fuq il-leġislazzjoni tal-Komunità li huma eliġibbli għall-appoġġ permezz ta' l-Artikolu 21b tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, id-data li minnha in-norma tkun mandatorja b'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità u l-ġustifikazzjoni ta' l-għażla.

B. Informazzjoni oħra:

— Deskrizzjoni tal-impatt sinifikanti fuq l-ispejjeż operattivi tar-razzett li jirriżultaw mill-obbligi jew mir-restrizzjonijiet imposti bin-norma l-ġdida;

— l-ammont ta' appoġġ għal kull norma eliġibbli u l-kalkoli dettaljati li jiġġustifikaw dan l-ammont.

▼B

VI.2. *L-użu tas-servizzi konsultattivi tal-biedja*

A. Fatturi ewlenija:

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— Deskrizzjoni tas-sistema konsultattiva dwar il-biedja kif introdotta mill-Istat membru, inkluża l-proċedura għall-għażla tal-korpi responsabbli għas-servizzi konsultattivi,

— Il-frekwenza ta' l-appoġġ mogħti lill-bidwi għall-użu tas-servizzi konsultattivi dwar l-agrikoltura fl-erba' żoni referuti fl-Artikolu 21d(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

VII. L-agri-ambjent u l-benessere ta' l-annimali

A. Fatturi ewlenija:

— Il-ġustifikazzjoni għall-impenji, ibbażata fuq l-impatt mistenni minnhom,

— Il-kalkoli agronomiċi dettaljati inizjali li juru: (a) il-qligħ mitluf u l-ispejjeż involuti b'relazzjoni mal-prattika normali tajba tal-biedja;(b) is-supposizzjonijiet agronomiċi użati bħala punt ta' referenza; (ċ) il-livell tal-inċentiv u l-ġustifikazzjoni dwar dan ibbażata fuq kriterja obbjettiva.

B. Informazzjoni oħra:

— Il-lista tar-razzez lokali li huma fil-periklu li jkunu mitlufa mil-biedja u n-numru ta' femminili tar-razza għaż-żoni ikkonċernati. In-numru li għandu jkun ċertifikat minn korp tekniku rokonoxxut kif xieraq - jew l-organizzazzjoni/l-għaqda ta' min irabbi - li għandha tirreġistra u żżomm aġġornat il-ktieb tal-merħliet u l-qagħtat miżmuma għar-razza. Il-korp ikkonċernat għandu jkollu is-sena u t-tagħrif meħtieġ sabiex jidentifika l-annimali tar-razzez individwali fil:

— Riżorsi ġenetiċi tal-pjanti li jkunu mħedda b'erożjoni ġenetika, l-evidenza ta' l-erożjoni ġenetika ibbażata fuq riżultati xjentifiċi u l-indikaturi għall-okkorrenza tal-varjetajiet mill-għelieqi/primittivi (lokali), id-dicersità tal-popolazzjoni u l-prattiċi agrikoli prevalenti fil-livell lokali,

— Dettalji ta' l-obbligi fuq il-bdiewa u xi termini oħrajn għall-impenn, inkluż l-iskop u l-proċeduri għall-aġġustament tal-kuntratti kurrenti,

— Tibdiliet fil-livell ta' l-appoġġ sa 120 % ta' l-ispejjeż u l-qligħ mitluf indikati fil-kalkoli agronomiċi stabbiliti fid-dokument tal-programm kif approvat u l-ġustifikazzjoni għal dawn it-tibdiliet,

— Id-deskrizzjoni tal-koperta tal-miżura, li turi l-iskop tagħha b'relazzjoni mal-ħtiġijiet u l-grad tagħha tal-immirar f'termini ġeografiċi, settorjali jew xi koperta oħra,

— Għall-implenji kollha flimkien, agri-ambjentali u tal-benessere ta' l-Annimali, il-mezzi possibbli għat-tlaqqigħ flimkien tal-impenji għandhom ikunu mhurija u l-konsitenza reċiproka tal-impenji għandha tkun assigurata.

VIII. Kwalità ta' l-ikel

VIII.1. *Parteċipazzjoni fl-iskemi tal-kwalità ta' l-ikel*

A. Fatturi ewlenija

— Lista tal-iskemi ta' kwalità tal-Komunità u nazzonali eliġibbli għall-appoġġ. Għal skemi nazzjonali, deskrizzjoni tal-iskema fir-rigward tal-kriterja referuta fl-Artikolu 24b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

▼B

B. Informazzjoni oħra:

— l-ammont ta' appoġġ għal kull tip ta' skema eliġibbli u l-ġustifikazzjoni għall-ispejjeż fissi kif hemm dispożizzjoni dwar dawn fl-Artikolu 24c tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

VIII.2. *Inkurraġġiment ta' prodotti ta' kwalità*

A. Fatturi ewlenija

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— Lista ta' prodotti li jikkwalifikaw għall-appoġġ permezz tal-iskemi ta' kwalità magħżula skond il-miżura referuta fi VIII.1,

— Proċedura sabiex tassigura li l-azzjonijiet li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-iżvilupp rurali ma jkunux ukoll sostnuti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000,

— Proċedura għal verifika ex ante dwar l-informazzjoni, l-inkurraġġiment, u l-materjal tar-reklamar (l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament),

— Deskrizzjoni tal-ipejjeż eliġibbli.

IX. Titjib fl-ipproċessar u fil-*marketing* tal-prodotti agrikoli

A. Fatturi ewlenija

— Is-setturi tal-produzzjoni bażika agrikola

B. Informazzjoni oħra:

— Kriterja li tagħti prova tal-benefiċċji ekonomiċi għall-produtturi primarji,

— Id-desinjazzjoni tan-normi li dwarhom perijodu ta' grazzja jista jkun mogħti lill-unitajiet żgħar tal-ipproċessar bi qbil ma' l-Artikolu 26(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-ġustifikazzjoni relatata mal-problemi speċifiċi li jinvolvu l-konformità ma' dawk in-normi u t-tul ta' żmien massimu tal-perijodu għal kull norma ikkonċernata.

X. Foresterija

A. Fatturi ewlenija:

Xejn

B. Informazzjoni oħra:

— Definizzjoni ta':

(i) "art agrikola" b'relazzjoni ma l-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament;

(ii) "bidwi" b'relazzjoni ma l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament;

(iii) dispożizzjonijiet li jassiguraw li l-miżuri ippjanati ikunu xierqa għall-kondizzjonijiet lokali u kompatibbli ma' l-ambjent kif ukoll taż-żamma tal-bilanċ bejn il-foresterija u l-popolazzjoni tal-kaċċa, meta applikabbli;

(iv) arranġamenti kontrattwali bejn ir-reġjuni u l-benefiċċjarji potenzali li jikkonċernaw il-miżuri referuti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

— Meta l-ispejjeż normali referuti fl-Artikolu 46 ikunu applikati:

(i) l-ipejjeż normali ta' l-unità;

(ii) il-metodu użat sabiex ikunu iffisati dawk l-ispejjeż;

▼B

(iii) il-konformità mal-kriterji għall-evitar ta' kumpens żejjed

— Deskrizzjoni tal-miżuri u l-benefiċjarji eliġibbli;

— Rabta bejn il-miżuri proponuti u l-programmi nazzjonali/-sub-nazzjonali tal-foresterija jew l-istrumenti ekwivalenti;

— Referenza għall-pjanijiet tal-protezzjoni tal-foresti għal dawk iż-żoni ikklassifikati bħala ta' riskju għoli jew medju minħabba n-nirien tal-foresti u l-konformità mal-miżuri proponuti ma dawn il-pjanijiet tal-protezzjoni.

XI. Inkurraġġiment ta' l-adattazzjoni u l-iżvilupp ta' żoni rurali

A. Fatturi ewlenija:

— Deskrizzjoni u ġustifikazzjoni ta' l-azzjoni proponuta u kull waħda mill-miżuri.

B. Informazzjoni oħra:

— Definizzjoni tal-inġinerija finanzjarja, li għandha tkun konformi mal-kriterja ġenerali tal-eliġibbiltà.

10. **Ħtieġa għal xi studji, proġetti ta' demostrazzjoni, taħriġ jew operazzjonijiet ta' għajnuna teknika (meta applikabbli)**

Is-sitt inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

11. **Denominazzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi responsabbli,**

Is-seba' inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

12. **Dispożizzjonijiet sabiex jassiguraw l-effettività u l-implementazzjoni korretta tal-pjanijiet, inkluż is-sorveljar u l-evalwazzjoni, definizjoni għall-indikaturi kwantifikati għal evalwazzjoni, l-arranġamenti għall-kontrolli u s-sanzjonijiet u tal-publiċità adekwata,**

It-tmin inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

1. *Informazzjoni dettaljata dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikoli 60 sa 65 ta' dan ir-Regolament*

Din għandha tinkludi, partikolarment:

— Il-possibbiltà ta' l-għoti ta' avvanzi lill-ċerti benefiċjarji tal-miżuri tal-investiment,

— Id-deskrizzjoni taċ-ċirkwiti finanzjarji għall-pagament ta' l-għajnuna lill-benefiċjarji finali,

— l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm, notevolemnt sistemi u proċeduri għall-ġbir, l-organizzazzjoni u l-kordinazzjoni tad-dettalji li jirrigwardjaw l-indikaturi finanzjarji, fiżiċi u tal-impatt,

— Ir-rwol, kompsizzjoni u regoli tal-proċedura ta' xi kumitati tas-sorveljar,

— Kodifika. Din il-kodifika għandha tkun b'konformità mal-mudell kif ipprovdur mill-Kummissjoni.

2. *Informazzjoni dettaljata dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikoli 66 sa 73 ta' dan ir-Regolament.*

Din għandha tinkludi l-miżuri speċifiċi tal-kontroll ippjanati għall-verifika tas-sustanza tat-talbiet u tal-konformità mal-kondizzjonijiet għall-appoġġ kif ukoll ir-regoli speċifiċi dwar il-penali.

3. *Informazzjoni dettaljata dwar il-konformità mal-kriterja ġenerali ta' l-eliġibbiltà stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1685/2000*

L-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament.

4. *Informazzjoni oħra:*

Meta xieraq, l-informazzjoni li l-litu ta' żmien għan-notifika ta' każi ta' *force majeure* ikun ġie estiż (l-Artikolu 39(2) ta' dan ir-Regolament).

▼B

13. **Ir-riżultati tal-konsulti u d-denominazzjonijiet ta' l-awtoritajiet u l-korpi assoċjati kif ukoll is-sieħba ekonomiċi u soċjali**

Id-disa' inċiż ta' l-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1995

1. Iddeskrivi:

— Is-sieħba ekonomiċi u soċjali u il-korpi nazzjonali relevanti l-oħrajn li għandhom ikunu ikkonsultati bi qbil mal-regoli u l-prattika nazzjonali,

— l-awtoritajiet u l-korpi agrikoli u ambjentali li għandhom ikunu inv oluti, partikolarment, fil-preparazzjoni, l-implementazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-miżuri agri-ambjentali u l-miżuri l-oħrajn li jimmiraw l-ambjent, b'hekk ikun assigurat bilanċ bejn dawk il-miżuri u l-miżuri l-oħrajn tal-iżvilupp rurali.

2. Sommarju tar-riżultati tal-konsulti u indika sa liema grad l-opinjonijiet u l-pariri akkwistati kienu ġew meqjusa

14. **Il-bilanċ bejn id-diversi miżuri ta' appoġġ**

It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

1. Iddeskrivi, b'referenza mas-saħħiet, il-ħtiġijiet u l-potenzjal:

— Il-bilanċ bejn il-miżuri differenti tal-iżvilupp rurali;

— Il-grad ta' kemm il-miżuri agri-ambjentali jkunu applikabbli għat-territorju kollu.

2. Din id-deskrizzjoni għandha tirreferi (skond ma jkun il-każ) għal-:

— Il-miżuri meħuda il-barra mill-skop tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nri 1257/1999,

— Il-miżuri meħuda jew ippjanati permezz ta' pjanijiet separati għall-iżvilupp rurali.

15. **Kompatibilità u konsistenza**

L-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

A. Fatturi ewlenija

1. Evalwazzjoni tal-kompattibbiltà u l-konsistenza ma:

— Strateġiji oħrajn tal-Komunità u l-miżuri implementati permezz ta' dawk l-istrateġiji, partikolarment l-istrateġija tal-kompetizzjoni,

— Strimeti oħrajn tal-istrateġija agrikola komuni, partikolarment meta l-eċċezzjonijiet skond l-Artikolu 3793) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 ikun hemm dispożizzjoni dwarhom,

— Il-miżuri l-oħrajn ta' l-appoġġ inklużi fil-pjanijiet tal-iżvilupp rurali,

— Il-kriterja ġenerali ta' l-eliġġibbiltà

2. Għall-miżuri skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, assigura u, meta meħtieġ, uri li:

— Il-miżuri adottati permezz tas-sitt, is-seba' u d-isa' inċiżi ta' dak l-Artikolu ma jkunux jirċievu għajnuna fiuanzjarja mill-ERDF għaż-żoni rurali koperti bl-Objettiv 2 u fiż-żoni fo transizzjoni,

— Il-miżuri ma humiex koperti b'xi miżura oħra referuta fit-Titolu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999.

B. Informazzjoni oħra:

Partikolarment, l-evalwazzjoni għandha tkopri l-arranġamenti sabiex tassigura kordinazzjoni xierqa mad-diversi awtoritajiet responsabbli għal:

— Il-miżuri tal-iżvilupp li hemm provvediment dwarhom permezz tal-organizzazzjonijiet tas-suq,

— Kwalunkwe miżuri tal-iżvilupp rurali li hemm provvediment dwarhom permezz tal-lkeġislazzjoni nazzjonali.

▼B

16. **Għajnuniet addizzjonali mill-istat**

L-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999

A. Fatturi ewlenija

Identifika l-miżuri li għalihom finanzjament addizzjonali jkun mogħti fil-għamla ta' għajnuna mill-istat (l-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999). L-ammont ta' appoġġ addizzjonali li għandu jkun mogħti għal kull miżura ikkonċernata matul kull sena jopera bil-pjan għandu jkun muri f'tabella indikattiva.

B. Informazzjoni oħra:

— Abolizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat,

— Tibdiliet għall-finanzjament addizzjonali fil-għamla ta' għajnuna mill-Istat mogħtija għal kwalunkwe miżura fid-dokument tal-programmizzar, kif approvat,

— Ir-rata ta' l-għajnuna.

▼B

L-ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 445/2002	Ir-Regolament Preżenti
L-Artikolu 1	-
-	Artikolu 1
L-Artikolu 2	Artikolu 2
L-Artikolu 3(1)	-
L-Artikolu 3(2)	Artikolu 3
L-Artikolu 4	Artikolu 4
L-Artikolu 5(1)	Artikolu 5
L-Artikolu 5(2) u (3)	-
L-Artikolu 6	Artikolu 6
L-Artikolu 7	Artikolu 7
L-Artikolu 8	Artikolu 8
L-Artikolu 9	Artikolu 9
L-Artikolu 10	Artikolu 10
L-Artikolu 11	Artikolu 11
L-Artikolu 12	-
-	Artikolu 12
L-Artikolu 13	Artikolu 13
L-Artikolu 14	Artikolu 14
L-Artikolu 15	Artikolu 15
L-Artikolu 16	Artikolu 16
L-Artikolu 17	Artikolu 17
L-Artikolu 18	Artikolu 18
L-Artikolu 19	Artikolu 19
L-Artikolu 20	Artikolu 20
L-Artikolu 21	Artikolu 21
-	Artikolu 22
-	Artikolu 23
-	Artikolu 24
-	Artikolu 25
-	Artikolu 26
L-Artikolu 22	Artikolu 27
-	Artikolu 28
L-Artikolu 23	Artikolu 29
L-Artikolu 24	Artikolu 30
L-Artikolu 25	Artikolu 31
L-Artikolu 26	Artikolu 32
L-Artikolu 27	Artikolu 33
L-Artikolu 28	Artikolu 34
L-Artikolu 29	Artikolu 35
L-Artikolu 30	Artikolu 36

▼B

Ir-Regolament (KE) Nru 445/2002	Ir-Regolament Preżenti
L-Artikolu 31	Artikolu 37
L-Artikolu 32	Artikolu 38
L-Artikolu 33	Artikolu 39
L-Artikolu 34	Artikolu 40
L-Artikolu 35(1)	L-Artikolu 41)1)
L-Artikolu 35(2)	L-Artikolu 41)3)
L-Artikolu 35(3)	L-Artikolu 41)2)
L-Artikolu 36	Artikolu 42
L-Artikolu 37	Artikolu 43
L-Artikolu 38	Artikolu 44
L-Artikolu 39	Artikolu 45
L-Artikolu 39a	Artikolu 46
L-Artikolu 40	Artikolu 47
L-Artikolu 41	Artikolu 48
L-Artikolu 42	Artikolu 49
L-Artikolu 43	Artikolu 50
L-Artikolu 44	Artikolu 51
L-Artikolu 45	Artikolu 52
L-Artikolu 45a	Artikolu 53
L-Artikolu 46	Artikolu 54
L-Artikolu 47	Artikolu 55
L-Artikolu 48	Artikolu 56
L-Artikolu 49	Artikolu 57
L-Artikolu 50	Artikolu 58
L-Artikolu 51	Artikolu 59
L-Artikolu 52	Artikolu 60
L-Artikolu 53	Artikolu 61
L-Artikolu 54	Artikolu 62
L-Artikolu 55	Artikolu 63
L-Artikolu 56	Artikolu 64
L-Artikolu 57	Artikolu 65
L-Artikolu 58	Artikolu 66
L-Artikolu 59	Artikolu 67
L-Artikolu 60	Artikolu 68
L-Artikolu 61	Artikolu 69
L-Artikolu 62	Artikolu 70
L-Artikolu 62a	Artikolu 71
L-Artikolu 63	Artikolu 72
L-Artikolu 64	Artikolu 73
L-Artikolu 65(1)	L-Artikolu 74(1), l-ewwel subparagrafu, u 74(2)
L-Artikolu 65(2)	L-Artikolu 74(1), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 66	L-Artikolu 75, l-ewwel subparagrafu

▼B

Ir-Regolament (KE) Nru 445/2002	Ir-Regolament Preżenti
-	L-Artikolu 75, it-tieni subparagrafu
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
L-Anness III	L-Anness III